PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 31

It-Tlieta, 3 ta' Novembru, 2026 fis-6:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3254. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li t-tweġiba hija fin-negattiv.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – EDUKAZZJONI OBBLIGATORJA – MQF LEVEL 1, 2 U 3

322. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-tqassim dettaljat tal-istudenti li temmew l-edukazzjoni obbligatorja fis-sena skolastika 2025-2026 u li kisbu MQF Level 1, MQF Level 2 u MQF Level 3, rispettivament?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li l-informazzjoni hija kif tidher f'din it-tabella.

2025-2026		
MQF Livell 3	MQF Livell 2	MQF Livell 1
3264	**367**	**7**

Seduta Numru 31
03/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – MQF LEVEL 1

323. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk l-istudenti li kisbu kwalifika MQF, kisbu MQF Level 1 biss fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 322.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – MQF LEVEL 2

324. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk l-istudenti li kisbu kwalifika MQF, kisbu MQF Level 2 fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 322.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – MQF LEVEL 3

325. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk l-istudenti li kisbu kwalifika MQF, kisbu MQF Level 3 fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 322.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KWALIFIKI MQF LEVEL 1, 2 U 3

326. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqabbel il-figuri tal-kwalifiki MQF Level 1, 2 u 3 li kisbu l-istudenti fis-sena skolastika 2025-2026 ma' dawk tas-snin skolastiċi 2023, 2024 u 2025?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li l-informazzjoni hija kif tidher f'din it-tabella.

2023-2024				**2024-2025**				**2025-2026**			
MQF Livell 3	MQF Livell 2	MQF Livell 1		MQF Livell 3	MQF Livell 2	MQF Livell 1		MQF Livell 3	MQF Livell 2	MQF Livell 1	
1952	**593**	**73**		**2855**	**655**	**87**		**3264**	**367**	**7**	

Seduta Numru 31
03/11/2026

MQF LEVEL 3 – EDUKAZZJONI OBBLIGATORJA – PROPORZJON TAL-ISTUDENTI

327. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persentaġġ ta' studenti li kisbu MQF Level 3 fis-sena skolastika 2025-2026 żdiedx jew naqasx bħala proporzjon tal-istudenti kollha li temmew l-edukazzjoni obbligatorja?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-persentaġġ ta' studenti li kisbu MQF Livell 3 fil-Kwalifika ta' Tmiem l-Edukazzjoni Sekondarja (SSQ&P) fis-sena skolastika 2025-2026 żdied b'10.5%.

Seduta Numru 31
03/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - KAWŻI RELATATI MA' KUSTODJA, AĊĊESS U MANTENIMENT

2042. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati kawżi relatati ma' kustodja, aċċess u manteniment fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba sat-13 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 31
03/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - FTUĦ TA' KAŻI TA' MEDJAZZJONI

2043. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm infetħu każi ta' medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba sat-13 t' Ottubru 2026.

Seduta Numru 31
03/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - KAŻI TA' MEDJAZZJONI MAGĦLUQA

2044. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' medjazzjoni ngħalaq fil-Qorti tal-Familja mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni miġbura sat-13 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 31
03/11/2026

VJOLENZA DOMESTIKA - RAPPORTI

2045. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati rapporti ta' vjolenza domestika mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

QORTI - KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA

2046. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu każi ta' vjolenza domestika quddiem il-Qorti mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PROTECTION ORDERS U TEMPORARY PROTECTION ORDERS

2047. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu Protection Orders u Temporary Protection Orders separatament mill-2015 sal-aktar data riċenti, maqsuma sena b'sena, u jgħid x'inhi d-distinzjoni bejniethom?

21/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mis-sena 2015 ma tistax issir stante li l-istatistika bdiet tinżamm mis-sena 2020, għalhekk qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba mill-2020 s'Awwissu 2026.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DIER - ILMENTI

2207. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid dwar xiex kienu l-ilmenti mressqa quddiem id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) bejn Jannar u Ġunju 2026, u jaqsam din l-informazzjoni f'numri u persentaġġi?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DIER - ILMENTI LI ĠEW RIŻOLTI

2208. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew imressqa ilmenti quddiem id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) bejn Jannar u Ġunju 2026 li ġew riżolti mingħajr il-ħtieġa tat-tribunal?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DIER - TCNS

2209. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) rrikorrew għall-għajnuna tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) bejn Jannar u Ġunju 2026, u jaqsam din l-informazzjoni f'numri u persentaġġi?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SENA 2025 - BCA - ORDNIJIET TA' WAQFIEN MIX-XOGĦOL

2210. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ordnijiet ta' waqfien mix-xogħol mill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) matul is-sena 2025?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2025 kien hemm 2,528 ordni ta' waqfien mix-xogħol mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Seduta Numru 31
03/11/2026

BCA - ORDNIJIET TA' WAQFIEN MIX-XOGĦOL

2211. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ordnijiet ta' waqfien mix-xogħol mill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) bejn Jannar u Ġunju 2026?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn Jannar u Ġunju, 2026, kien hemm 2,144 ordni ta' waqfien mix-xogħol mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KOSTRUZZJONI - STUDJI ĠEOLOĠIĊI

2212. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif qed jiġi assigurat li l-istudji ġeoloġiċi li huma neċessarji għall-kostruzzjoni huma professjonali u ta' min joqgħod fuqhom?

24/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: L-istudji ġeoloġiċi meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni jiġu ppreparati minn professjonisti bil-warrant, jiġifieri periti u inġiniera, li huma responsabbli għall-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti li jippreżentaw.
Meta l-proġett jinvolvi skavar ta' aktar minn żewġ metri, il-leġiżlazzjoni tirrikjedi Geological Investigation Report (GIR) li jinkludi core recovery sabiex jiġu identifikati l-karatteristiċi ġeoloġiċi tas-sit. Fejn l-iskavar propost ikun ta' inqas minn żewġ metri, trial pit jitqies bħala suffiċjenti sabiex il-perit tal-proġett ikun jista' jivvaluta l-kundizzjonijiet tas-sit u juża dik l-informazzjoni fit-tħejjija tal-method statement.
Fiż-żewġ każijiet, dawn ir-rapporti jitħejjew minn professjonisti bil-warrant. Wara li jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA), dawn jiġu vverifikati wkoll minn periti esterni mqabbda mill-BCA bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni teknika qabel ma tkun tista' tinħareġ il-clearance meħtieġa skont il-liġi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

ORDNI TA' ĦARSIEN – TFAL LI MARRU JGĦIXU LURA MAL-ĠENITURI BIJOLOĠIĊI

2366. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li kellhom:
i. Ordni ta' ħarsien; u
ii. Provisional Care Order
u marru jgħixu lura mal-ġenituri bijoloġiċi tagħhom fl-aħħar ħames snin?

31/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar ħames snin kien hemm 115-il minuri li marru jgħixu lura mal-familja bijoloġika tagħhom. Dan in-numru jinkludi ukoll dawk l-individwi li kellhom iktar minn 18-il sena u għażlu li jmorru lura mal-familja tagħhom.
It-tqassim dettaljat ta' dawn il-minuri jinsab fit-tabella mehmuża ma' din it-tweġiba.

		2022		**2023**		**2024**		**2025**		**2026**	
		Minuri	18-il sena 'l fuq	Minuri	18-il sena 'l fuq	Minuri	18-il sena 'l fuq	Minuri	18-il sena 'l fuq	Minuri	18-il sena 'l fuq
Ordni ta' Ħarsien	*Care order*	12	5	16	6	6	6	4	5	2	3
	Correctional Order	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0
	Supervision Order	0	0	1	0	7	0	2	0	3	0
Ordni Proviżorja	*Care order*	9	0	8	2	9	2	0	0	1	1
	Supervision Order	0	0	0	0	0	0	1	0	3	0
	Total	21	5	25	8	22	8	8	5	9	4
	Total Globali	**26**		**33**		**30**		**13**		**13**	

Seduta Numru 31
03/11/2026

TFAL LI RRITORNAW FIL-KURA TAL-ISTAT

2367. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm tfal, wara li irritornaw mal-ġenituri bijoloġiċi tagħhom, irritornaw lura fil-kura tal-Istat matul l-aħħar għaxar snin?

31/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar għaxar snin, kien hemm 43 minuri li rritornaw lura fil-kura tal-Istat wara li kienu riunifikati mal-ġenituri tagħhom. Sena b'sena dawn kienu mqassmin kif ġej:

2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026
0	6	2	0	5	8	9	5	4	3	1

Seduta Numru 31
03/11/2026

ARMI TAN-NAR ĠODDA LIĊENZJATI

2368. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm armi tan-nar ġodda liċenzjati fl-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

31/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat illi bejn Jannar 2026 u l-25 ta' Ottubru 2025 ġew irreġistrati tlett elf, mitejn u tlieta u tmenin (3,283) arma tan-nar ġdida 'to keep', li jinkludu wkoll armi tal-arja.

Seduta Numru 31
03/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ĦADDIEMA ĠODDA

2372. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 289.

Seduta Numru 31
03/11/2026

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – ĦADDIEMA ĠODDA

2373. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – ĦADDIEMA ĠODDA

2374. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 289.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – ENVIRONMENTAL IMPACT ASSESSMENT

2637. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, tista' l-Ministru tgħid jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għamlitx screening jew xi evalwazzjoni ambjentali tal-proġett propost? Jekk iva, tista' tqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra u tgħid jekk il-proġett hux ser ikun soġġett għal Environmental Impact Assessment sħiħ?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess fir-rigward tal-proġett propost għadu fi stadju preliminari. Kull proposta li titressaq formalment quddiem l-awtoritajiet kompetenti tkun suġġetta għall-proċessi regolatorji applikabbli u jsiru l-istudji u l-evalwazzjonijiet li jkunu meħtieġa skont il-liġi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – IRWEJJAĦ

2638. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, tista' l-Ministru tgħid x'evalwazzjoni saret dwar l-impatt potenzjali tal-irwejjaħ ikkawżati mit-trasport, mill-ħażna u mill-ipproċessar ta' bejn 300,000 u 350,000 tunnellata ta' demel, slurry u skart agrikolu fis-sena fis-sit propost?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2637.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – AIR-QUALITY MODELLING

2639. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, tista' l-Ministru tgħid jekk sarx jew hux ser isir air-quality modelling għall-faċilità proposta, inkluż l-impatt tat-traffiku addizzjonali u l-emissjonijiet mill-operat tal-impjant? Jekk iva, tista' tqiegħed ir-riżultati u l-metodoloġija użata fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2637.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – RISKJU TA' KONTAMINAZZJONI

2640. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, tista' l-Ministru tgħid xi studji saru jew huma ppjanati dwar ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art u tal-baħar minħabba t-trasport, il-ħażna u l-ipproċessar ta' demel, slurry u skart agrikolu fis-sit propost?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2637.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KWALITÀ AMBJENTALI U TAL-ILMA

2641. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, tista' l-Ministru tgħid jekk saritx jew hijiex ippjanata evalwazzjoni speċifika dwar xi impatt potenzjali tal-faċilità fuq il-kwalità ambjentali u tal-ilma fl-Għadira u fil-Bajja tal-Mellieħa? Jekk iva, tista' tqiegħed din l-evalwazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2637.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – STORBJU

2642. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, tista' l-Ministru tgħid jekk sarx jew hux ser isir studju dwar il-livelli ta' storbju mistennija mill-faċilità, inkluż storbju minn vetturi tqal, tagħmir industrijali u operat matul il-lejl? Tista' tgħid ukoll x'limiti operattivi u miżuri ta' mitigazzjoni huma previsti?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2637.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU

2674. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti kronoloġija dettaljata tal-qtugħ fil-provvista tal-elettriku li affettwa lil Għawdex fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026, inkluż il-ħin ta' meta seħħet kull ħsara, meta ġiet identifikata, meta beda x-xogħol ta' tiswija u meta reġgħet ingħatat il-provvista lil kull lokalità?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-tweġiba tapplika wkoll għal mistoqsijiet parlamentari oħrajn minn dawk li ssottometta dwar l-istess suġġett.

Ninsab infurmata li fit-28 ta' Awwissu 2026 żviluppaw żewġ ħsarat fuq tnejn mit-tliet feeders ta' 33kV li jfornu lil Għawdex.

L-ewwel ħsara kienet fuq il-cable bejn iċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni f'Kemmuna u ċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni fix-Xewkija. Dan il-feeder intefa' fit-28 ta' Awwissu 2026 fis-19:28. Malli rriżultat il-ħsara, minnufih skatta x-xogħol meħtieġ biex jinstab fejn kienet u malli din ġiet lokalizzata f'Għawdex stess, inbeda t-tħaffir u x-xogħol kollu li kellu jsir biex sussegwentement il-cable reġa' nxtegħel fid-29 ta' Awwissu 2026 fis-13:10.

It-tieni ħsara kienet fuq il-cable bejn iċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni f'Kemmuna u ċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni fil-Qala. Dan il-feeder intefa' fit-28 ta' Awwissu 2026 fid-20:44. F'dan il-każ ukoll skattat minnufih ħidma biex jinstab fejn kienet il-ħsara, li eventwalment ġiet lokalizzata f'Kemmuna. Għaldaqstant, kellhom jiġu mobilizzati l-inġenji rispettivi biex ġew trasferiti bejn Għawdex u Kemmuna. Hemm ukoll kellu jsir tħaffir u x-xogħol kollu meħtieġ sakemm il-cable reġa' nxtegħel fid-29 ta' Awwissu 2026 fl-21:41.

Matul dan il-perjodu, it-timijiet tekniċi tal-Enemalta ħadmu biex ġew lokalizzati, iżolati u msewwijin il-ħsarat. Ir-restawr tal-provvista sar b'mod gradwali sabiex tiġi evitata kwalunkwe ħsara ulterjuri fis-sistema.

Mill-eżami tekniku li sar, il-ħsarat ġew identifikati li kienu fil-ġonot tal-cables rispettivi. Wara fault location ġie indikat li l-ewwel ħsara kienet taħt l-art fix-Xewkija, filwaqt li t-tieni ħsara nstabet f'Kemmuna. Meta jinbeda x-xogħol jiġi verifikat u jsiru t-testijiet meħtieġa biex jiġi determinat ikunx hemm moisture content jew ilmijiet. Dan il-proċess isir fuq kull ħsara li jkun hemm meta tkun relatata ma' cables.

Infurmata li ż-żewġ ħsarat seħħew fuq feeders differenti u fuq partijiet differenti tan-network. Għaldaqstant, dawn il-ħsarat qed ikunu meqjusa mill-Enemalta bħala li kienu indipendenti minn xulxin.

Għal ħsara infrastrutturali ta' din ix-xorta, l-Enemalta għandha proċedura li tiġi segwita waqt ix-xogħlijiet ta' tiswija. It-tim tekniku li jkun fuq il-post jagħmel analiżi permezz ta' testijiet biex jiddetermina li, ġaladarba titneħħa l-ġonta li tkun falliet, jiġi aċċertat li l-cable rispettiv ikun f'qagħda b'saħħtu biex isir l-intervent fuqu ħalli jerġa' jiġi f'qagħda operabbli. Wara li x-xogħlijiet ikunu tlestew, il-cable jiġi spezzjonat minn inġinier fejn issir sensiela ta' ittestjar biex ikun assigurat li x-xogħol sar skont is-sengħa qabel l-istess cable jibda jiġi loaded permezz tal-kurrent.

Fil-każ tat-tliet feeders li jfornu lil Għawdex, cable minnhom huwa cable tal-aluminju b'kapaċità ta' 300mm² b'rating ta' 340A. It-tieni cable huwa cable tal-aluminju ta' 240mm² b'rating ta' 304A. It-tielet cable huwa cable tar-ram ta' 185mm² b'rating ta' 350A.

Il-ħajja teknika ta' cable tiddependi mit-tip u mill-kostruzzjoni tagħhom, kif ukoll mill-kundizzjonijiet ambjentali u operazzjonali. Għaldaqstant, m'għandhiex tiġi attribwita ħajja teknika waħda u uniformi lit-tliet feeders kollha. Waqt ix-xogħlijiet il-cable jiġi spezzjonat biex jiġi identifikat li l-kundizzjoni tal-conductor tkun f'kundizzjoni tajba.

L-Enemalta tissorvelja kontinwament in-network, inkluż it-tagħbija fuq il-feeders, sabiex l-infrastruttura titħaddem fil-limiti operattivi stabbiliti. Fuq kull wieħed mit-tliet feeders, isiru spezzjonijiet permezz ta' għaddasa darbtejn fis-sena biex tiġi spezzjonata l-integrità tal-cables. Mill-Kamra tal-Kontroll ikun qed jiġi monitored il-power flow li jkun għaddej minn ġo dawn it-tip ta' cables. Is-switchgears rilevanti għandhom monitoraġġ ta' partial discharge kontinwu, filwaqt li kull erba' xhur il-ħaddiema tekniċi tal-Enemalta jagħmlu wkoll testing manwali.

Qabel il-ħsarat tat-28 ta' Awwissu 2026 ma kien hemm xejn li jindika failure imminenti fuq xi wieħed miż-żewġ feeders li sussegwentement ġew affettwati. Fis-sigħat ta' qabel seħħew il-ħsarat, it-tagħbija fuq it-tliet feeders kienu qed jitħaddmu fil-limiti normali. L-ebda wieħed mill-feeders ma qabeż il-limiti operattivi tiegħu fil-perjodu inkwistjoni. Għaldaqstant, il-ħsarat ma seħħewx f'kundizzjonijiet fejn xi wieħed mill-feeders kien qed jitħaddem lil hinn mil-limiti operattivi tiegħu.

Infurmata wkoll li, wara li ż-żewġ feeders ġew affettwati mill-ħsarat, il-feeder li baqa' fis-servizz kompla jopera fil-limiti normali u fl-ebda ħin ma qabeż il-limiti operattivi tiegħu. Il-kapaċità disponibbli minn feeder wieħed ma kinitx biżżejjed sabiex tagħmel tajjeb għad-domanda addizzjonali li kienet maqsuma fuq iż-żewġ feeders l-oħra.

Biex tilqa' għad-domanda li Għawdex jista' jkollu fis-snin li ġejjin, l-Enemalta qed twettaq aktar investimenti li se jinkludu żewġ cables ġodda ta' 33kV taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex, konnessjoni ġdida ta' 132kV bejn iż-żewġ gżejjer, żewġ ċentri ta' distribuzzjoni u aktar tisħiħ tal-konnettività interna tan-network ta' 33kV f'Għawdex.
Dan ikompli jibni fuq l-investimenti li diġà saru fl-aħħar snin. Mill-2023 'il hawn, l-Enemalta kkummissjonat 18-il substation ġdida f'Għawdex, lestiet erba' transformer upgrades, poġġiet 24 kilometru ta' cables ta' vultaġġ medju, issostitwiet tagħmir f'disa' switchgear installations u awtomatizzat 43 substation sabiex jitjiebu l-monitoraġġ, l-identifikazzjoni tal-ħsarat u l-ħinijiet ta' restawr.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – ĦSARAT FIL-FEEDERS TAL-ELETTRIKU

2675. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kienet il-kawża teknika tal-ħsarat li żviluppaw fuq tnejn mit-tliet feeders ta' 33kV li jfornu lil Għawdex? Tista' tgħid jekk ġiex stabbilit jekk dawn il-ħsarat kinux relatati ma' sħana eċċessiva, overloading, degradazzjoni tal-cable, ħsara f'joints, ilma jew umditá, jew kawża oħra?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – ĦSARAT FIL-FEEDERS TAL-ELETTRIKU

2676. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispjega kif tnejn mit-tliet feeders prinċipali li jfornu lil Għawdex setgħu jiżviluppaw ħsara fl-istess perjodu? Tista' tgħid ukoll jekk l-Enemalta tqisx dawn iż-żewġ ħsarat bħala relatati jew bħala żewġ failures indipendenti?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – ĦSARAT FIL-FEEDERS TAL-ELETTRIKU – RAPPORT TEKNIKU

2677. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport tekniku sħiħ, hekk kif dan jitlesta, dwar il-ħsarat li żviluppaw inkluża root-cause analysis u r-rakkomandazzjonijiet tekniċi li joħorġu minnu, fejn tnejn mit-tliet feeders ta' 33kV prinċipali li jfornu lil Għawdex ikkaġunaw qtugħ fil-provvista tal-elettriku fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – FEEDERS TAL-ELETTRIKU

2678. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid, għal kull wieħed mit-tliet feeders ta' 33kV li jfornu lil Għawdex, f'liema sena ġie installat u kkummissjonat, x'tip ta' cable ntuża, x'inhi l-kapaċità nominali tiegħu u x'inhi l-ħajja teknika mistennija tiegħu?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – FEEDERS TAL-ELETTRIKU

2679. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta sar l-aħħar test tekniku jew condition assessment fuq kull wieħed mit-tliet feeders ta' 33kV li jfornu lil Għawdex u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati tat-testijiet li saru matul l-aħħar ħames snin?

16/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2674.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – LISTA TA' KONSULENZI

3308. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 754 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-konsulenzi kollha mogħtija mill-Ministeru u l-entitajiet tagħha matul l-2025 u l-2026 relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali jew il-Malta Business Wallet, flimkien mal-valur ta' kull kuntratt, il-metodu ta' akkwist u l-isem tal-fornitur?

08/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat ingaġġa s-servizzi ta' Mark Bugeja għal konsulenza fl-IT u l-intelliġenza artifiċjali relatata mal-implimentazzjoni tal-pjattaforma tar-ridesharing, skont il-proċeduri tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – LISTA TA' KONSULENZI

3406. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 760 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-konsulenzi kollha mogħtija mill-Ministeru u l-entitajiet tiegħu matul l-2025 u l-2026 relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali jew il-Malta Business Wallet, flimkien mal-valur ta' kull kuntratt, il-metodu ta' akkwist u l-isem tal-fornitur?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, matul is-snin 2025 u 2026, l-Awtorità tal-Ippjanar ingaġġat konsulenti għal servizzi relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali lil Keane Grech u Beat Limited. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant illi f'kull istanza kienu segwiti il-proċeduri tal-akkwist pubbliku applikabbli.
Fir-rigward tal-Ministeru u l-entitajiet l-oħra msemmija, ma ġew ingaġġati ebda konsulenti f'dan il-qasam matul il-perjodu indikat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – LISTA TA' KONSULENZI

3407. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 763 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-konsulenzi kollha mogħtija mill-Ministeru u l-entitajiet tiegħu matul l-2025 u l-2026 relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali jew il-Malta Business Wallet, flimkien mal-valur ta' kull kuntratt, il-metodu ta' akkwist u l-isem tal-fornitur?

13/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru ma għamlux użu minn konsulenti jew servizzi ta' konsulenza dwar l-intelliġenza artifiċjali jew it-trasformazzjoni diġitali matul il-perjodu mitlub.
Fir-rigward tal-Ministeru nnifsu, dan għandu arranġament fis-seħħ ma' Gartner Ireland Limited għall-provvista ta' servizzi ta' riċerka teknika u konsulenza, li jinkludu fost oħrajn aspetti relatati mal-intelliġenza artifiċjali u t-trasformazzjoni diġitali, skont il-proċeduri stabbiliti fil-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Seduta Numru 31
03/11/2026

FTEHIM BEJN IL-GVERN TA' MALTA U OPENAI

3564. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u OpenAI?

14/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ftehim mitlub jikkonsisti f'informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva, għaldaqstant ma jistax jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Inżid iżda li sa issa mal-50 elf persuna diġà applikaw għal dan il-kors, filwaqt li mat-32 elf persuna diġà temmew dan il-kors b'suċċess. Madankollu, qed noffri lill-Onor. Interpellant li b'mod personali u kunfidenzjali jara dan il-ftehim.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PJAN GĦAL AIRFIELD

3586. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2130 u jgħid jekk għadx hemm il-pjan li ssir airfield fix-Xewkija, Għawdex? Jekk iva, jista' jgħid fiex wasal dan il-proġett u meta huwa mistenni li jitlesta u jibda jopera? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizzi se jkunu qegħdin jiġu provduti?

15/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-QALA U R-RABAT, GĦAWDEX – TRASPORT PUBBLIKU DIRETT

3587. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2134 u jgħid jekk jeżistix servizz tat-trasport pubbliku dirett bejn il-Qala u r-Rabat, Għawdex? Jekk le, liema servizz ta' trasport pubbliku jistgħu jużaw ir-residenti tal-Qala biex imorru r-Rabat? Minn liema toroq jgħaddi dan is-servizz u x'inhu l-ħin stmat tal-vjaġġ? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu jew huma ppjanati sabiex is-servizz tat-trasport pubbliku f'Għawdex isir aktar effiċjenti, konvenjenti u attraenti għall-utenti?

15/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa ma hemmx rotta diretta bejn il-Qala u r-Rabat, Għawdex. Madankollu, ir-residenti jistgħu jużaw ir-rotta 303, li sservi l-Qala u r-Rabat b'ħin medju tal-vjaġġ ta' bejn 30 u 32 minuta. Din ir-rotta tgħaddi mill-Port tal-Imġarr, Għajnsielem, il-Qala, in-Nadur, ix-Xewkija u r-Rabat. Fil-futur qarib huwa ppjanat li r-rotta 322 tiġi estiża sabiex isservi wkoll il-Qala.
Matul dawn l-aħħar xhur saru diversi tibdiliet fis-servizz tat-trasport pubbliku f'Għawdex, fosthom żidiet fil-frekwenza ta' ċerti rotot, estensjonijiet u modifiki f'rotot oħrajn, kif ukoll konnessjoni bejn il-Modal Hub ta' Ta' Xħajma u r-Rabat.
Ġiet imsaħħa wkoll il-konnettività bejn Għawdex u Malta, inklużi s-servizzi miċ-Ċirkewwa lejn il-Belt Valletta, l-Isptar Mater Dei u l-Università, kif ukoll mit-terminal tal-Fast Ferry f'Lascaris lejn l-MCAST, Mater Dei u l-Università. Ġiet introdotta wkoll rotta ċirkolari f'Buġibba li tgħaqqad it-terminal tal-Fast Ferry mat-terminal tal-karozzi tal-linja.
Barra minn hekk, f'Ġunju 2026, il-flotta kollha tal-karozzi tal-linja li topera f'Għawdex inbidlet minn vetturi li jaħdmu bid-diesel għal vetturi elettriċi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SODOD TURISTIĊI LIĊENZJATI

3788. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm sodod turistiċi liċenzjati bħalissa f'Malta u Għawdex, maqsuma skont il-kategorija ta' akkomodazzjoni u l-lokalità? Jista' jgħid ukoll x'żieda fil-kapaċità hija mistennija matul l-aħħar tal-2026 u l-2027?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar u jingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SODOD TURISTIĊI – MIRA MASSIMA NAZZJONALI

3789. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux ħsieb illi jistabbilixxi mira massima nazzjonali għan-numru ta' sodod turistiċi?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Regolamenti dwar l-Akkomodazzjoni Turistika tal-2026 (L.S. 409.24) introdućew standards ogħla għall-kategoriji kollha ta' akkomodazzjoni, inkluż iċ-Ċertifikat ta' Konformità mal-Politika Turistika bħala rekwiżit għall-iżvilupp u l-liċenzjar ta' proġetti ġodda. Fil-fatt, ir-regolamenti l-ġodda fuq l-akkomodazzjoni jagħtu stampa aktar ristretta ta' fejn għandu jmur l-iżvilupp. Dik il-liġi flimkien ma' inizjattivi u inċentivi oħra għandhom jirriżultaw f'titjib tal-prodott turistiku u diversifikazzjoni fl-investiment.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SODOD TA' LUKANDI DISPONIBBLI – SENA 2025

3790. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm sodod ta' lukandi kienu disponibbli iżda ma kinux okkupati matul ix-xhur tal-ogħla staġun turistiku tal-2025, u x'perċentwal tal-kapaċità totali dan kien jirrappreżenta?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

UŻU TAD-DĦUL MILL-KONTRIBUZZJONI EKOLOĠIKA FUQ IT-TURIŻMU

3791. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont dettaljat ta' kif id-dħul mill-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu ntuża matul l-2025 u l-ewwel sitt xhur tal-2026, inkluż in-nefqa skont il-lokalità?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DĦUL MILL-KONTRIBUZZJONI EKOLOĠIKA FUQ IT-TURIŻMU – ALLOKAZZJONI

3792. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm mid-dħul addizzjonali li se jiġi ġġenerat miż-żieda fil-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu se jiġi allokat direttament lil dawk il-lokalitajiet li qed jesperjenzaw l-akbar pressjoni turistika?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji sejrin jiġu mħabbra fiż-żmien propizju.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DĦUL MILL-KONTRIBUZZJONI EKOLOĠIKA FUQ IT-TURIŻMU – ALLOKAZZJONI – KUNSILLI LOKALI

3793. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser ikun hemm allokazzjoni speċifika mid-dħul addizzjonali li se jiġi ġġenerat miż-żieda fil-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu għall-kunsilli lokali? Jekk iva, jista' jgħid minn meta se tiġi applikata?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3792.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SPAZJU INDUSTRIJALI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

3870. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 778 u jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal spazju industrijali u x'inhi l-medja taż-żmien li applikant jistenna sabiex tiġi deċiża l-applikazzjoni tiegħu?

20/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa il-Malta Enterprise għandha 38 applikazzjoni, madankollu wieħed ma jistax jagħti medja taż-żmien tal-applikazzjonijiet pendenti għal fatt illi kull applikazzjoni hija differenti skont it-tip ta' operat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – INAWGURAZZJONIJIET

3871. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 781 u għal-lista fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 780, jista' l-Ministru jindika s-sena li fiha se jkun qed jiġi inawgurat kull proġett strateġiku elenkat fil-lista tal-proġetti strateġiċi kollha, kif ukoll id-data li ser ikun komplut b'mod separat?

20/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kull proġett strateġiku jvarja skont l-offerta li tkun ġiet rakkomandata u approvata, kif ukoll skont id-data tal-bidu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt formali.
Għaldaqstant, iż-żmien previst għall-eżekuzzjoni ta' kull proġett ivarja skont in-natura u l-karatteristiċi partikolari tal-proġett inkwistjoni.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BLAT IL-QAMAR – XOGĦLIJIET

3905. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti d-dettalji tax-xogħol li se jkun qed isir fi Triq Blat il-Qamar fis-Siġġiewi?

20/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3904.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KAROZZI TAL-LINJA – ROTTA 150 MINN LASCARIS GĦAL MCAST PAOLA

3906. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba mill-1 ta' Ottubru 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, is-servizz tal-karozzi tal-linja tar-rotta 150, li hija skedata li tgħaddi u tieqaf fl-istage ta' Lascaris fil-Belt Valletta (ħdejn it-terminal tal-fast ferry) għall-ħabta tas-7.45 a.m. u li tintuża mill-istudenti li jattendu l-MCAST ta' Raħal Ġdid:
i. ma għaddietx mill-imsemmija waqfa;
ii. waslet tard meta mqabbel mal-ħin skedat; u
iii. naqset li tieqaf minħabba li kienet mimlija?

20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KAROZZI TAL-LINJA – ROTTA X300 MINN MATER DEI DIREZZJONI ĊIRKEWWA

3907. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ser jittieħdu sabiex jiġi żgurat li l-karozzi tal-linja tar-rotta X300 ikollhom biżżejjed spazju għall-passiġġieri li jitilgħu mill-waqfa tad-daħla prinċipali tal-Isptar Mater Dei, direzzjoni lejn iċ-Ċirkewwa fil-ħinijiet ta' filgħodu b'mod partikolari għall-ħaddiema Għawdxin li jkunu temmew x-xiftijiet ta' billejl?

20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Transport Malta ser tagħmel monitoraġġ mill-bus stop tal-Isptar Mater Dei fil-ħin imsemmi sabiex b'hekk ikollha stampa iktar ċara tad-domanda li hemm fuq ir-rotta X300 u X299.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IX-XEWKIJA – L-INĦAWI TAL-BARMIL – ĠNIEN IL-KUNSILL – PROĠETT

3908. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill, fl-inħawi Tal-Barmil fix-Xewkija, li tħabbar f'Awwissu 2023 bħala l-ewwel ġnien "carbon neutral" f'Għawdex, u jgħid:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għadhom iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalih;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

20/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IX-XEWKIJA – L-INĦAWI TAL-BARMIL – ĠNIEN IL-KUNSILL – PROĠETT

3909. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill, fl-inħawi Tal-Barmil fix-Xewkija, li tħabbar f'Awwissu 2023 bħala l-ewwel ġnien "carbon neutral" f'Għawdex, u jgħid:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għadhom iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalih;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

20/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-kuntrattur magħżul biex iwettaq il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill kien ipprovda d-dokumenti u l-istudji meħtieġa skont l-obbligi kuntrattwali tiegħu, kif ukoll installa ċint temporanju madwar is-sit. Madankollu, ma ġewx irreġistrati xogħlijiet ulterjuri fuq is-sit u għaldaqstant ma sar l-ebda pagament lill-kuntrattur.
Fid-dawl ta' dan, Project Green infurmat lill-kuntrattur bit-terminazzjoni tal-kuntratt u imponiet penali li jammontaw għal €54,148, li jirrappreżentaw il-massimu permess skont il-kundizzjonijiet kuntrattwali.
L-Aġenzija qed tevalwa l-passi li jmiss sabiex il-proġett ikun jista' jitkompla, inkluża l-possibbiltà li jiġu segwiti proċeduri alternattivi ta' akkwist.
Project Green se tkun qed iżżomm lill-Kunsill Lokali tax-Xewkija infurmat dwar il-passi li se jittieħdu sabiex il-proġett jitmexxa 'l quddiem.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SPEED CAMERAS – L-OGĦLA SPEED MILĦUQ

4068. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2957 fl-intier tagħha u jgħid x'kien l-ogħla speed li ntlaħaq matul din is-sena minn kull waħda mill-ispeed cameras imsemmija fl-istess tweġiba?

22/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KAROZZI TAL-LINJA – SOUND SYSTEM

4069. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kull meta jiġu ċċekkjati l-karozzi tal-linja biex jiġi assigurat li s-sound system tkun qiegħda tiffunzjona? Jista' jgħid ukoll kif qed jiġi assigurat li din is-sound system tkun mixgħula biex b'hekk, persuni neqsin mill-viżta, ikunu jistgħu jużaw it-trasport pubbliku mingħajr xkiel?

22/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-uffiċjali ta' Transport Malta jwettqu medja ta' 50 spezzjoni kuljum fuq il-karozzi tal-linja. Fost l-aspetti li jiġu vverifikati waqt dawn l-ispezzjonijiet hemm il-funzjonament xieraq tas-sistema tal-awdjoannunzji (Audio Announcement System).
F'każijiet fejn din is-sistema ma tkunx qed tiffunzjona kif suppost, tingħibed l-attenzjoni tal-operatur sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa u s-sistema terġa' titqiegħed f'kundizzjoni tajba għall-benefiċċju tal-passiġġieri.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PARKEĠĠI PERSONALIZZATI

4070. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-parkeġġi personalizzati humiex jinħarġu skont in-numru ta' reġistrazzjoni tal-karozza jew skont il-permess tal-blue badge? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura biex it-tabella tal-parkeġġ tinbidel min-numru tar-reġistrazzjoni tal-karozza għal numru tal-blue badge?

22/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li parkeġġi personalizzati jistgħu jinħarġu skont il-bżonn tal-persuna, jiġifieri jew billi jkun indikat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew inkella n-numru tal-Blue Badge tal-persuna konċernata, abbażi ta' dak stipulat fl-Avviż Legali 113 tal-2024.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PAWL – RIĦA TA' DRENAĠĠ

4071. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hix qed tittieħed azzjoni fuq ir-riħa tinten ta' drenaġġ fi Triq San Pawl, f'San Pawl il-Baħar (bejn Triq Ramon Perellos u Triq Jean de la Valette)? Jekk iva, x'azzjoni qed tittieħed?

22/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PAWL – RIĦA TA' DRENAĠĠ

4072. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hix qed tittieħed azzjoni fuq ir-riħa tinten ta' drenaġġ fi Triq San Pawl, f'San Pawl il-Baħar (bejn Triq Ramon Perellos u Triq Jean de la Valette)? Jekk iva, x'azzjoni qed tittieħed?

22/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rċeviet l-ebda rapport dwar irwejjaħ fiż-żona indikata tul dawn l-aħħar erba' xhur. Minkejja dan, il-Korporazzjoni aċċessat Triq San Pawl u bdiet tissiġilla għadd ta' tappieri li setgħu kkontribwew għall-ħruġ ta' rwejjaħ fl-inħawi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MFHEA – ISTITUZZJONIJIET EDUKATTIVI – APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA

4096. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk kinitx deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) li applikazzjonijiet ġodda għal istituzzjonijiet edukattivi li daħlu matul is-sena 2026, jitqiegħdu fuq il-lista ta' stennija?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-irwol tal-bord huwa wieħed strateġiku u ta' governanza.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MFHEA – LAQGĦAT TAL-BORD

4097. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba l-Bord tal-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) ltaqa' mal-ħaddiema tal-Awtorità, mal-istituzzjonijiet edukattivi, mal-Kamra tal-Kummerċ u mal-assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-irwol tal-bord huwa wieħed strateġiku u ta' governanza.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MFHEA – ADVISORY COMMITTEE

4098. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-Advisory Committee tal-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) minn Ottubru 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u x'suġġetti ġew diskussi?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kumitat Konsultattiv jiltaqa' skont kif stipulat fil-Kap 607 tal-Liġijiet ta' Malta. Ninsab infurmat li l-bord imsemmi matul il-perjodu msemmi ltaqa' 4 darbiet u li informazzjoni addizzjonali hi ta' natura kummerċjalment sensittiva.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MFHEA – LAQGĦAT TAL-BORD – DISKUSSJONIJIET DWAR IL-POLICIES

4099. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2513 u 2514, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord tal-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) ddiskutiex il-feedback li ngħata mill-stakeholders fuq il-policies imħabbra fl-20 ta' Awwissu 2026? Jekk iva, jista' jgħid meta saret il-laqgħa jew laqgħat tal-bord li ddiskutew dan il-feedback?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-'feedback' u r-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati u sar tibdil.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT – KRITERJI GĦAD-DĦUL

4100. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji kollha li jintużaw għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-istudenti li japplikaw biex jidħlu fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, u kif dawn il-kriterji jvarjaw skont id-dixxiplina sportiva?

22/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li dawn jiġu emendati minn sena għal sena. Fuq il-Mejda tal-Kamra qiegħed inpoġġi l-kriterji li ntużaw għal din is-sena skolastika.

Seduta Numru 31
03/11/2026

UŻU EĊĊESSIV TA' SORS TA' ENERĠIJA

4133. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru telenka l-miżuri li qed jittieħdu mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha biex jitrażżan l-użu eċċessiv ta' sors ta' enerġija li tista' tkun ta' ħsara għall-ambjent? Tista' telenka x'inċentivi qed jingħataw biex il-pubbliku jagħmel aktar użu ta' sorsi ta' enerġija nadifa?

22/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L.S. 460.42 – MIŻURI

4134. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu s'issa fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-L.S. 460.42, [European Media Freedom Act (Measures for Implementation) Order]?

22/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ġejt infurmat li sal-lum il-ġurnata twaqqaf l-Uffiċċju tar-Reklamar u l-Media hekk kif mitlub f'Artikolu 3 tal-L.S. 460.42. Inħatar ukoll Kap tal-Uffiċċju mill-President fuq il-Parir tal-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni. Bħalissa għaddejjin il-preparamenti meħtieġa sabiex tinġabar l-informazzjoni neċessarja bi preparament għall-ewwel rappurtaġġ tagħha.

Seduta Numru 31
03/11/2026

ANZJANI LI MHUMIEX COMPUTER LITERATE – AĊĊESS GĦAL SERVIZZI ONLINE

4135. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'miżuri qed jittieħdu mid-diversi entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fir-rigward ta' dawk l-anzjani li mhumiex computer literate minħabba l-fatt li llum ħafna servizzi huma aċċessibbli biss online?

22/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għas-Saħħa, permezz tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u SVP u b'kollaborazzjoni mal-FITA u l-MDIA qed jippromwovi l-ħiliet diġitali fost l-anzjani permezz ta' taħriġ dwar l-użu tal-mowbajls, tablets, emails, midja soċjali u servizzi online, b'enfasi fuq is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data personali u inizjattivi dwar l-intelliġenza artifiċjali. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jsaħħu l-indipendenza, il-kunfidenza u l-ħiliet diġitali tal-anzjani, filwaqt li jnaqqsu l-esklużjoni diġitali u jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi online.

Seduta Numru 31
03/11/2026

ANZJANI LI MHUMIEX COMPUTER LITERATE – AĊĊESS GĦAL SERVIZZI ONLINE

4136. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu mid-diversi entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fir-rigward ta' dawk l-anzjani li mhumiex computer literate minħabba l-fatt li llum ħafna servizzi huma aċċessibbli biss online?

22/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) qed timplimenta diversi inizjattivi bil-għan li tissaħħaħ l-inklużjoni diġitali, b'mod partikolari fost l-anzjani, sabiex dawn ikunu jistgħu jifhmu u jużaw aħjar it-teknoloġiji moderni u jibbenefikaw mis-servizzi diġitali.
Fost dawn l-inizjattivi hemm:
• AI4All u Bootcamps AI4ALL (b'kollaborazzjoni mal-Lifelong Learning): Programm ta' taħriġ onlajn bla ħlas, imfassal għal persuni mingħajr għarfien tekniku minn qabel, li joffri introduzzjoni għall-Intelliġenza Artifiċjali (AI), l-użi prattiċi tagħha fil-ħajja ta' kuljum u l-ħiliet bażiċi meħtieġa biex tintuża b'mod responsabbli. Dan il-programm huwa aċċessibbli wkoll għall-anzjani li jixtiequ jtejbu l-għarfien diġitali tagħhom. Ġew organizzati ukoll total ta' 10 sessjonijiet ta' bootcamp, li laħqu 109 parteċipant u li fihom intużaw il-faċilitajiet tal-Imsida Lab. Il-programm kien miftuħ għal persuni minn 14-il sena 'l fuq, bil-parteċipazzjoni tinkludi wkoll persuni anzjani li jieħdu sehem regolarment f'inizjattivi tal-Lifelong Learning.

• Kollaborazzjoni mal-Pastoral Formation Institute (PFI): Permezz ta' din il-kollaborazzjoni, qed jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fil-parroċċi u fi gruppi komunitarji, b'enfasi partikolari fuq l-anzjani. Sa Awwissu 2026, kienu diġà saru 39 sessjoni, li minnhom ibbenefikaw 664 parteċipant ta' 60 sena jew aktar.

• Kollaborazzjoni ma' Active Ageing and Community Care (AACC): Permezz ta' ftehim bejn l-MDIA u l-AACC, il-programm AI4All se jitwassal direttament lill-anzjani permezz tas-36 Ċentru għall-Anzjanità Attiva, kif ukoll fid-djar residenzjali għall-anzjani. Il-ħaddiema tal-AACC se jingħataw taħriġ speċifiku sabiex ikunu jistgħu jassistu lill-anzjani fl-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali u jgħinuhom jiżviluppaw aktar kunfidenza fit-teknoloġija.

• AI4All fil-Kunsilli Lokali: Din l-inizjattiva għandha l-għan li twassal taħriġ u assistenza wiċċ imb wiċċ fil-komunitajiet lokali, sabiex persuni li għandhom diffikultajiet biex jużaw it-teknoloġija jkunu jistgħu jirċievu għajnuna diretta. Ħaddiema u studenti mħarrġa se jassistu lill-parteċipanti fil-mistoqsijiet u d-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom, bl-appoġġ kontinwu tat-tim tal-AI4All.

• Kollaborazzjoni mal-FITA: L-MDIA għandha Memorandum ta' Ftehim eżistenti mal-FITA. Għal din is-sena kien ippjanat bootcamp immirat lejn persuni anzjani, iżda sfortunatament din l-inizjattiva ma setgħetx titwettaq matul din is-sena. Huwa ppjanat li d-diskussjonijiet jerġgħu jibdew is-sena d-dieħla.

• Ħiliet Diġitali għal Gruppi Vulnerabbli: Din l-inizjattiva twettqet b'kollaborazzjoni mal-Lifelong Learning u kienet iffukata speċifikament fuq l-għoti ta' appoġġ lil persuni vulnerabbli residenti f'xelters. Għaldaqstant, din l-inizjattiva ma taqax taħt il-kategorija tal-parteċipazzjoni tal-anzjani.

• Dawn l-inizjattivi jirriflettu l-impenn tal-MDIA li tippromwovi inklużjoni diġitali għal kulħadd, filwaqt li tnaqqas id-distakk fil-ħiliet diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet. B'mod partikolari, l-enfasi fuq taħriġ fil-komunità u assistenza diretta għandha l-għan li tgħin lill-anzjani jsiru aktar indipendenti u kunfidenti fl-użu tat-teknoloġija, sabiex ma jitħallewx lura hekk kif aktar servizzi qed jiġu offruti permezz ta' mezzi diġitali.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DIRETTURI ĠENERALI – ĦATRIET U TUL TA' SERVIZZ

4137. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid:
i. meta ġie appuntat id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), u kemm ilu fil-kariga;
ii. meta ġiet appuntata d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) u kemm ilha fil-kariga;
iii. meta ġie appuntat id-Direttur Ġenerali (Standards), u kemm ilu fil-kariga; u
iv. meta ġie appuntat id-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi), u kemm ilu fil-kariga?

22/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont il-Kapitolu 510 tal-Liġijiet ta' Malta l-karigi imsemmija huma soġġetti għal ħatra ta' tliet snin u dak iż-żmien jista' jiġi mtawwal għal perjodi itwal ta' tliet snin kull wieħed. Infurmat ukoll li għaddej il-proċess ta' reklutaġġ għall-pożizzjoni ta' Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) li bħalissa hija vakanti.

Seduta Numru 31
03/11/2026

ĦADDIEMA TAS-SERVIZZI KORRETTIVI – ĦLAS GĦAL SIGĦAT TA' XOGĦOL ŻEJDA

4145. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għall-istqarrija għall-istampa PR260798 maħruġa mill-Ministeru fis-6 ta' Mejju 2026 u b'referenza għall-ħaddiema tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u l-ħaddiema li ħadmu fl-istess postijiet sa mill-1994 anke qabel twaqqfet l-istess Aġenzija, jista' l-Ministru jgħid kemm ħaddiema applikaw biex jingħataw ħlas għal sigħat ta' xogħol żejda li suppost ħadmu u ma tħallsux għalihom? Jista' jgħid ukoll kemm sigħat kienu mitluba li jitħallsu, kemm minn dawn il-ħaddiema diġà tħallsu u kemm għadhom qed jistennew li jitħallsu? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li jintemm l-eżerċizzju kollu u kemm hi mistennija li tkun in-nefqa marbuta ma' dan l-eżerċizzju?

23/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li daħlu 384 applikazzjoni li qed ikunu vvetjati.
F'dan l-istadju din hija l-unika informazzjoni li tista' tingħata.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IX-XEWKIJA – KORSA TAŻ-ŻWIEMEL – FAĊILITAJIET

4168. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex jittejbu l-faċilitajiet u d-dawl fil-korsa taż-żwiemel fix-Xewkija - li tintuża minn diversi persuni għall-mixi u għall-ġiri - sabiex tkun tista' titgawda b'mod sigur anke wara nżul ix-xemx? Jista' jgħid ukoll x'interventi huma ppjanati u meta huma mistennija li jitwettqu?

23/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex beda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-offerti biex isir id-dawl fuq in-naħa ta' ġewwa tal-korsa taż-żwiemel, li tintuża minn diversi persuni għall-mixi jew għall-ġiri. Ix-xogħol huwa mistenni li jsir is-sena d-dieħla.

Seduta Numru 31
03/11/2026

FTEHIM BEJN ID-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-KUNSILLI LOKALI – XOGĦLIJIET

4199. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-allokazzjoni ta' €10 miljun tal-ftehim bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali ntefqu kemm fuq xogħlijiet imwettqa minn kuntratturi privati kif ukoll fuq xogħlijiet imwettqa direttament mill-istess Dipartiment? Tista' wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-kuntratturi li ngħataw xogħol taħt dan il-ftehim, flimkien mal-valur totali tax-xogħol mogħti lil kull kuntrattur?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: L-allokazzjoni finanzjarja marbuta mal-ftehim bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali kienet intiża sabiex tappoġġja t-twettiq ta' diversi interventi u proġetti ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali.
L-implimentazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet saret permezz tal-mekkaniżmi operattivi u amministrattivi applikabbli skont in-natura u l-ħtiġijiet ta' kull intervent, filwaqt li ttieħdu inkonsiderazzjoni l-kunsiderazzjonijiet tekniċi u r-riżorsi disponibbli.
Id-Dipartiment jibqa' impenjat li jiżgura li l-fondi allokati jintużaw b'mod xieraq u responsabbli, u li x-xogħlijiet jitwettqu fl-interess tal-Kunsilli Lokali u tar-residenti rispettivi tagħhom.

Seduta Numru 31
03/11/2026

FTEHIM BEJN ID-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-KUNSILLI LOKALI – APPROVAZZJONIJIET/NEFQA

4200. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi, għal kull Kunsill Lokali, kemm mill-allokazzjoni ta' €10 miljun tal-ftehim bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali ġie approvat u kemm effettivament intefaq fil-lokalità rispettiva?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: L-allokazzjoni tal-fondi taħt il-ftehim bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali ġiet amministrata skont il-proġetti u l-interventi identifikati bħala meħtieġa fil-lokalitajiet differenti.
L-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet saru b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull lokalità, il-prijoritajiet stabbiliti u l-istadji differenti li jgħaddi minnhom kull proġett.
Id-Dipartiment jibqa' jsegwi l-andament tal-proġetti u l-użu tar-riżorsi allokati, filwaqt li jiżgura li dawn jintużaw bl-aktar mod effiċjenti u fl-interess tal-komunitajiet lokali.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-KUNSILLI LOKALI – FTEHIM ĠDID

4201. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim il-ġdid ta' €12.8 miljun bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali, inkluż kull schedule, annex, kundizzjoni, kriterju ta' eliġibilità u proċedura għall-approvazzjoni tal-proġetti?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokument tal-ftehim il-ġdid jiġi ppublikat malli l-kumitat fuq il-bord tal-evalwazzjoni jkun għalaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess evalwazzjoni tal-offerti. Madankollu, is-sejħa għall-offerti għandha referenza ta' CT 2177/2026.

Seduta Numru 31
03/11/2026

DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-KUNSILLI LOKALI – FTEHIM ĠDID – TQASSIM BEJN KULL KUNSILL LOKALI

4202. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kif se jitqassmu, bejn il-Kunsilli Lokali, it-€12.8 miljun tal-ftehim il-ġdid mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, matul is-sentejn tal-ftehim? Tista' wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-allokazzjoni massima jew indikattiva għal kull Kunsill Lokali u l-kriterji li se jintużaw biex jiġi deċiż kemm jingħata lil kull lokalità?

23/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li rigward il-fondi allokati għal kull Kunsill Lokali, l-Ministeru għadu jrid jevalwa wara li l-Kunsilli Lokali jissottomettu l-proposti tagħhom. Għaldaqstant f'dan l-istadju għadu prematur li wieħed jgħid kemm kull kunsill se jkun allokat fondi.
Rigward il-kriterji, ser issir laqgħa li matulha dawn il-kriterji jkunu spjegati lir-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali.
Fost il-kriterji ta' prijorità tajjeb li wieħed isemmi:
a) Proposti li l-aktar li se jkun ta' benefiċċju għal pubbliku b'mod ġenerali.
b) Tisbiħ u tħaddir ta' żoni li llum huma abbandunati u m'humiex iffrekwentati għax huma mitluqin.
ċ) Proposti li huma mmirati għal żoni pedonali u għalhekk innaqqsu l-karozzi mil-qalba tal-lokalitajiet, u d)proġetti li jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – KLINIKA TAD-DENTISTRIJA GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

4246. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm pazjenti nqdew mill-Klinika tad-Dentistrija għal Persuni b'Diżabilità fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex? Jista' wkoll jagħti l-ġranet li tinfetaħ din il-klinika u kemm appuntamenti jsiru f'kull sessjoni?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema perjodu qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – KLINIKA TAL-PODJATRIJA

4247. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm pazjenti nqdew mill-Klinika tal-Podjatrija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex? Jista' wkoll jagħti l-ġranet li tinfetaħ din il-klinika u kemm appuntamenti jsiru f'kull sessjoni?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema perjodu qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – KLINIKA TAL-FIŻJOTERAPIJA

4248. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm pazjenti nqdew mill-Klinika ta' Fiżjoterapija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex? Jista' wkoll jagħti l-ġranet li tinfetaħ din il-klinika u kemm appuntamenti jsiru f'kull sessjoni?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema perjodu qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

INTERESS MINN PROFESSJONISTI MALTIN

4249. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx hemm interess minn professjonisti Maltin fil-Fiżjoterapija, Midwifery, Speech Language Pathology, Dentistrija, Podjatrija u Nursing?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema interess qed jirreferi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SETTUR TAD-DENTAL HYGIENE – ONLINE COURSE 'ORAL HEALTH FOR PEOPLE WITH SPECIAL NEEDS'

4250. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex ser isir online course (DH Circular 1024/26; DH file number DH 1082/2026) għal dental hygiene class in scale 10, 8, 7 u 6, fis-settur tad-dental hygiene bl-isem 'Oral health for people with special needs', meta studenti jkollhom taħriġ waqt li qed jistudjaw il-kors ta' dental hygiene fl-Università ta' Malta? Jista' wkoll jqabbel u jagħti x'inhi d-differenza bejn dan il-kors u dak li jkun ingħata mill-Università ta' Malta?

26/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li t-taħriġ online “Oral Health for People with Special Needs” (imsemmi fid-DH Circular 1024/26 u DH File 1082/2026) qed jiġi offrut bħala Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD) għad-dental hygienists ikkwalifikati li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz (fi skali 10, 8, 7 u 6). L-għan ta’ dan il-kors ta’ CPD huwa li jwieġeb għall-iżviluppi xjentifiċi u l-evidenza klinika l-ġdida li tkun ħarġet mill-mument li l-professjonisti jkunu kkwalifikaw. Barra minn hekk, mhux id-dental hygienists kollha li bħalissa qegħdin jipprattikaw fis-servizz pubbliku rċevew it-taħriġ tagħhom permezz tal-kurrikulu universitarju attwali. Għal dawn il-professjonisti, dan il-kors iservi bħala opportunità essenzjali ta' aġġornament u tiġdid fl-għarfien tagħhom.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KNEE REPLACEMENTS

4251. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru knee replacements fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta’ Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

26/10/2026
ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – MIŻURI KONTRA L-KONTAMINAZZJONI

4260. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista’ l-Ministru jgħid x’miżuri huma ppjanati biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-art, tal-ilma tal-pjan u tal-baħar mill-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – IMPATT FUQ IT-TURIŻMU

4261. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista’ l-Ministru jgħid jekk sarx studju dwar l-impatt tal-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ fuq it-turiżmu fil-Mellieħa, partikolarment fuq il-Bajja tal-Mellieħa?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – KONSULTAZZJONI MAL-MTA

4262. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) ġietx ikkonsultata dwar il-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ, u jekk iva, x'kienet ir-risposta tagħha?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – KONSULTAZZJONI MAL-KUNSILL LOKALI

4263. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġiex ikkonsultat dwar il-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ, u jekk iva, meta u x'kienet ir-risposta tiegħu?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – KONSULTAZZJONI MA' TRANSPORT MALTA

4264. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta ġietx ikkonsultata dwar it-traffiku addizzjonali li se tiġġenera l-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-MELLIEĦA – FAĊILITÀ GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART AGRIKOLU – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

4265. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk hijiex ippjanata konsultazzjoni pubblika mar-residenti u n-negozji tal-Mellieħa dwar il-faċilità proposta għat-Trattament tal-Iskart Agrikolu fil-Qammiegħ?

26/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KEMMUNA - PROTEZZJONI TAL-AMBJENT NATURALI

4275. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema miżuri speċifiċi qed jittieħdu mill-Gvern biex jipproteġi l-ambjent naturali ta' Kemmuna, fid-dawl tal-iżviluppi proposti u tal-istatus ta' Kemmuna bħala żona ta' valur ambjentali u naturali sinifikanti? Tista' tgħid ukoll jekk sarux valutazzjonijiet kumulattivi tal-impatt ambjentali tal-iżviluppi preżenti u proposti fuq Kemmuna, u jekk iva, iqiegħed kopja ta' dawn il-valutazzjonijiet fuq il-Mejda tal-Kamra?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qegħdin jiġu implimentati diversi inizjattivi sabiex jipproteġu u jtejjbu l-ambjent naturali ta' Kemmuna. Dawn jinkludu:
Ir-restawr ta' ħabitats naturali permezz ta' proġetti mmexxija mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u Ambjent Malta, fosthom ir-riabilitazzjoni tal-artijiet mistagħdra fil-Qala ta' Santa Marija u r-restawr ta' żoni agrikoli abbandunati permezz tat-tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni.
Ir-reintroduzzjoni ta' speċi mhedda li nqerdu minn Kemmuna, bit-taħwil ta' speċi rari u r-reintroduzzjoni ta' annimali rari, permezz ta' pjan għar-restawr, bħalma huma l-bużaqq (il-ħuta nazzjonali) u r-ruppja (pjanta tal-art mistagħdra).
Qed jiġu mneħħija speċi aljeni invażivi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-bijodiversità lokali, flimkien ma' miżuri biex jiġu protetti u rriġenerati l-ambjenti naturali u l-veġetazzjoni indiġena tal-gżira.
Qed isir xogħol ta' protezzjoni ta' żoni ekoloġikament sensittivi, fosthom l-għaram tar-ramel (sand dunes) u l-frigana (tip ta' xagħri endemiku għal Malta), permezz ta' delimitazzjoni ta' żoni, kontroll tal-aċċess u ġestjoni ta' passaġġi sabiex jitnaqqsu l-ħsarat ikkawżati mit-tgħaffiġ tal-veġetazzjoni u mill-attività tal-bniedem.
Fl-istess waqt, għaddej it-tkattir ta' speċi mhedda, permezz ta' arranġament mal-Ġonna Botaniċi tal-Argotti, sabiex ikollna materjal indiġenu għar-reintroduzzjoni u r-restawr f'Kemmuna.
It-titjib tal-indafa u l-ġestjoni ambjentali, inkluż it-tneħħija ta' skart u strutturi mhux xierqa, inizjattivi ta' tindif fuq l-art u fil-baħar, u miżuri ta' sorveljanza u infurzar sabiex jitnaqqsu l-pressjonijiet fuq l-ambjent naturali, huma wkoll inizjattivi oħrajn li qed isiru f'Kemmuna.
Dan flimkien ma' ġestjoni aħjar tal-viżitaturi fiż-żona tal-Blue Lagoon, permezz ta' sistema ta' prenotazzjoni u kontroll tan-numru ta' viżitaturi, li qed issir minn entitajiet terzi, flimkien ma' titjib fil-ġestjoni tal-iskart, faċilitajiet sanitarji u infurzar, bil-għan li titnaqqas il-pressjoni fuq din iż-żona ambjentalment sensittiva.
Bħalissa għaddej ukoll proġett b'kofinanzjament mill-UE sabiex nimplimentaw il-miżuri għal ħarsien tal-Marine Protected Area, li tinkludi wkoll miżuri għall-ħarsien tal-alka.
Dawn l-inizjattivi jiffurmaw parti minn ħidma kontinwa sabiex Kemmuna tibqa' titgawda mill-pubbliku, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħabitats naturali, l-ispeċi u l-karatteristiċi ekoloġiċi tagħha jkunu protetti għall-ġenerazzjonijiet futuri.
Ninforma wkoll li l-proġett tal-lukanda u l-bungalows f'Kemmuna, li kien kopert mill-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp PA 04777/20, kien suġġett għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u għal valutazzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali. F'dawn il-valutazzjonijiet jitqies ukoll l-impatt kumulattiv fuq l-ambjent, u għal dan il-għan jiġu kunsidrati anke żviluppi oħrajn li jkunu jinsabu fiż-żona ta' influwenza tal-proġett. Abbażi ta' dan il-proċess, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) irrakkomandat għadd ta' kundizzjonijiet u miżuri biex l-impatt fuq l-ambjent naturali ta' Kemmuna jittaffa jew jiġi evitat. Id-dettalji rilevanti huma disponibbli pubblikament fuq is-sit elettroniku tal-ERA, u jistgħu jinkisbu minn fuq il-paġna https://era.org.mt/era-project/ea-21-00001/.

Seduta Numru 31
03/11/2026

ERA - DEĊIŻJONIJIET DWAR PROĠETTI TA' IMPATT AMBJENTALI SINIFIKANTI

4276. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2467, tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li jintroduċi miżuri sabiex id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar proġetti b'impatt ambjentali sinifikanti jkunu akkumpanjati minn spjegazzjoni dettaljata tal-kriterji tekniċi u xjentifiċi applikati, il-valutazzjoni tal-alternattivi kkunsidrati, u r-raġunijiet għalfejn ġew aċċettati jew miċħuda r-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat u l-oġġezzjonijiet imressqa mill-pubbliku?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar proġetti b'impatt ambjentali sinifikanti huma msejsa fuq spjegazzjoni dokumentata mħejjija mid-Direttorat tal-Affarijiet Regolatorji fi ħdan l-ERA, li fost oħrajn tinkludi rendikont tal-proċess segwit, il-kriterji tekniċi u xjentifiċi rilevanti li jkunu tqiesu bħala parti mill-valutazzjoni tal-proġett, il-valutazzjoni tal-alternattivi kunsidrati, il-kummenti ambjentalment rilevanti li l-Awtorità tkun irċeviet matul il-proċess, u r-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat imsemmi. Din id-dokumentazzjoni tkun ukoll disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità, hekk kif stabbilit fir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (VIA).
Il-minuti tal-laqgħat tal-Bord huma disponibbli għall-pubbliku li jiddokumentaw id-deċiżjoni tal-Bord jinkludu riferiment għall-preżentazzjonijiet li jsiru waqt il-laqgħa tal-Bord (kemm mill-konsulenti li jkunu wettqu l-istudju kif ukoll mid-Direttorat), li jkunu bbażati fuq id-dokumentazzjoni msemmija, u l-kummenti li jsiru mill-parteċipanti inkluż il-pubbliku preżenti. L-istess minuti jirreġistraw id-diskussjoni u/jew il-punti mqajma mill-membri tal-Bord, kif ukoll jekk il-Bord jaqbilx mir-rakkomandazzjonijiet u mar-raġunament tad-Direttorat. Anke dawn il-minuti jkunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità, bħalma jesiġu r-Regolamenti dwar il-VIA.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PERMESSI TA' ŻVILUPP - APPELLI PENDENTI - SOSPENSJONI TAX-XOGĦLIJIET

4277. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2468, jista' l-Ministru jgħid jekk l-Abbozz ta' Liġi dwar ir-riforma tas-sistema tal-appelli fl-ippjanar jipprevedix is-sospensjoni tax-xogħlijiet relatati ma' permess ta' żvilupp sakemm jiġi deċiż appell pendenti, u jekk le, jgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra li jintroduċi tali dispożizzjoni sabiex jiġi evitat li jsir żvilupp irriversibbli qabel ma tingħata deċiżjoni finali dwar l-appell?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għadda mill-istadju tat-tieni qari fis-27 ta' Ottubru 2026 u jinsab issa fi stadju ta' kumitat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PREZZIJIET TAL-FJUWIL – MIŻURI TA' PROTEZZJONI GĦALL-FAMILJI U N-NEGOZJI

4278. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2473, tista' l-Ministru tgħid kemm kienet in-nefqa tal-Gvern f'sussidji fuq il-prezzijiet tal-fjuwil matul l-2024, l-2025 u sal-aħħar xahar li għalih hemm data disponibbli fl-2026, separatament għal kull sena? Tista' tgħid ukoll jekk il-Gvern għandux pjan ta' kontinġenza f'każ ta' żieda sostanzjali fil-prezzijiet internazzjonali tal-fjuwil, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sussidju u l-protezzjoni tal-familji u n-negozji, u jekk iva, x'inhuma l-parametri ewlenin ta' dan il-pjan?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Kif diġà spjegajt fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2473, dan il-Gvern jibqa' kommess li jiżgura stabbiltà fil-prezzijiet tal-fjuwil għall-familji u n-negozji. Bħalma smajna fit-tħabbir tal-Baġit, din is-sena s-sussidji sabiex ma jiżdidux il-prezzijiet tal-enerġija u l-fjuwils mistennija jiswew lill-Gvern madwar €392 miljun. Matul l-aħħar snin, bejn l-2022 u l-2026, l-ispiża ta' dawn is-sussidji ammontat għal €1.35 biljun. Dan ifisser li €1.35 biljun baqgħu fil-bwiet tan-nies u n-negozji tagħna.
Intenni li kif urejna tul dawn l-aħħar snin, permezz ta' ppjanar sod u ekonomija b'saħħitha, il-pajjiż għandu l-kapaċità li jwieġeb għal ċirkostanzi internazzjonali diffiċli u jipproteġi lill-familji u n-negozji mill-impatt tagħhom. F'ambjent internazzjonali tal-enerġija li jibqa' imprevedibbli, din hija l-aqwa garanzija li pajjiżna jkun f'pożizzjoni li jilqa' għal xokkijiet futuri u jirreaġixxi skont iċ-ċirkostanzi.

Seduta Numru 31
03/11/2026

INFRASTRUTTURA TAD-DRENAĠĠ - FONDI ALLOKATI

4279. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2475, tista' l-Ministru tgħid kemm mill-investiment ta' €400 miljun previst fil-Pjan ta' Investiment Nazzjonali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-għaxar snin li ġejjin huwa allokat speċifikament għall-manutenzjoni, it-titjib u l-espansjoni tal-infrastruttura tad-drenaġġ? Tista' tagħti lista tal-proġetti ewlenin previsti, tindika l-lokalitajiet li se jkunu milquta, l-ispiża stmata ta' kull proġett u ż-żmien mistenni għall-implimentazzjoni tagħhom?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 4273, inżid ninfurmaha li t-tisħiħ ewlieni fl-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ huwa pjanat li jkun fis-seħħ sal-2031, waqt li x-xogħlijiet fuq in-network tal-ġbir tad-drenaġġ huwa mmirat li jitlestew sal-2034. Fost il-proġetti li diġà jinsabu għaddejjin, hemm dak li minn Erba' Mwieżeb iwassal sal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar, ix-xogħlijiet fuq in-network bejn is-Santwarju u l-Għadira fil-Mellieħa, kif ukoll interventi oħrajn ta' tiġdid u titjib fin-network fi Vjal il-Labour, iż-Żejtun. Qed jitmexxew ukoll il-proċessi meħtieġa sabiex jinbdew b'mod imminenti t-tkabbir tal-impjant t'Għawdex, flimkien ma' interventi ppjanati f'Sant' Antnin u Ta' Barkat. Ix-xogħol tat-tkabbir tal-impjant taċ-Ċumnija fit-Tramuntana ta' Malta tnieda fil-bidu ta' din is-sena u għaddej skont il-pjan. Proġetti oħrajn ewlenin li se jsiru jinkludu mejnijiet ġodda mill-Pwales sa Għajn Żnuber; xogħlijiet fuq in-network tad-drenaġġ fl-inħawi tar-Rabat u Ħad-Dingli; tibdil tal-mejn f'Tal-Ħlas, Ħal Qormi b'mina ġdida; tkabbir tal-mejn fi Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi; mejn ġdid fi Triq Diċembru Tlettax sal-pumping station tal-Marsa; mejnijiet ġodda f'Tas-Sliema, Buġibba u l-Qawra, fin-Nofsinhar ta' Malta, u nħawi oħra fit-Tramuntana ta' Malta li se jkunu qed jiġu maqsuma f'diversi fażijiet ta' implimentazzjoni; tisħiħ ta' pumping stations prinċipali fin-Nofsinhar ta' Malta; u mina ġdida mir-Rabat (Għawdex) sal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ eżistenti. Il-programmar tax-xogħlijiet fuq in-network huwa suġġett għal koordinazzjoni ma' xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru minn entitajiet oħrajn, sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent għall-pubbliku. Meta l-proġetti jkunu waslu biex jinbdew, il-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma tippubblika l-informazzjoni rilevanti permezz ta' stqarrijiet għall-istampa u fuq il-websajt uffiċjali tagħha.

Seduta Numru 31
03/11/2026

HERITAGE MALTA – SITI LI NTUŻAW GĦALL-ĠBID TA' FILMS JEW PRODUZZJONIJIET TELEVIŻIVI

4280. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tas-siti storiċi taħt il-kura jew il-ġestjoni ta' Heritage Malta li ntużaw bħala location għall-ġbid ta' films jew produzzjonijiet televiżivi f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IR-RABAT, MALTA – SIT MADWAR IĊ-ĊENTRU GĦAJN – XOGĦLIJIET

4294. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit madwar iċ-Ċentru Għajn, fir-Rabat, Malta sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2017? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel ma kien inawgurat iċ-Ċentru Nazzjonali Għajn għall-Għarfien dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma fl-2017, fir-Rabat, is-sit fejn jinsab fl-inħawi tan-Nigret kien mitluq.
Bil-proġett imwettaq mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma dan inbidel f'faċilità edukattiva għall-għarfien dwar l-enerġija u l-ilma permezz ta' diversi installazzjonijiet, attivitajiet u mezzi interattivi ta' tagħlim. Is-sit jinkludi wkoll żoni rikreattivi aċċessibbli għall-pubbliku, fosthom spazju għal-logħob tat-tfal, ġonna b'passaġġi pedonali, siġar u pjanti ornamentali, gazebo, kif ukoll spazju żgħir fil-forma ta' teatru fil-beraħ li jikkontribwixxu għall-valur edukattiv u ambjentali tal-post.
Fl-2023 wettaqna proġett ieħor li permezz tiegħu l-bejt tal-binja nbidel fi green roof, li huwa magħmul minn 3,000 pjanta u jintuża għal skopijiet xjentifiċi sabiex jiġbor informazzjoni li tista' tintuża fi proġetti futuri. Dan il-proġett jesplora l-potenzjal ta' din l-infrastruttura ħadra għall-prevenzjoni tal-għargħar, filwaqt li jagħmel il-bini aktar sostenibbli u effiċjenti fl-enerġija.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IX-XAGĦRA, GĦAWDEX – IL-QORTIN – XOGĦLIJIET

4295. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit Il-Qortin, fix-Xagħra, Għawdex, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2022? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit tal-Qortin, fix-Xagħra, Għawdex, kien jintuża bħala miżbla mhux ikkontrollata bejn l-1968 u l-2004, fejn tul is-snin ġew depożitati madwar nofs miljun tunnellata ta' skart. B'investiment ta' €3.3 miljun, WasteServ trasformat dan is-sit fi spazju miftuħ u aħdar ta' madwar 50,000 metru kwadru u fl-2022 infetaħ għall-użu rikreattiv mill-familji.
Wara l-għeluq tal-miżbla, saru diversi fażijiet ta' riabilitazzjoni ambjentali sabiex is-sit jiġi restawrat u eventwalment ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Dawn ix-xogħlijiet inkludew l-installazzjoni ta' sistema għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-gass, is-siġillar u l-landscaping tas-sit, it-tħawwil ta' madwar 23,000 arbuxell indiġenu u l-bini ta' ġibjun għall-ġbir tal-ilma tax-xita għall-irrigazzjoni. Fl-aħħar fażi saru aktar xogħlijiet sabiex is-sit ikun sigur u aċċessibbli għall-pubbliku, fosthom l-installazzjoni ta' lqugħ, xatbiet u rixtelli madwar il-manifolds tal-gass, kif ukoll il-ħolqien ta' parkeġġ, mogħdijiet aċċessibbli u park għall-klieb.
Qabel it-tlestija tal-proġett, kienet issir ukoll manutenzjoni ġenerali tas-sit u tal-impjant tat-trattament tal-gass. Din kienet tinkludi, fost oħrajn, manutenzjoni tal-pompi u tal-bjar tal-gass, tal-veġetazzjoni u tal-ħitan tal-konfini tal-impjant, kif ukoll manutenzjoni tal-flare u monitoraġġ perjodiku tal-gass.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET – RAPPORT DWAR ĦSARAT

4382. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema data l-Awtorità tad-Djar irċeviet l-ewwel rapport dwar il-ħsarat fis-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, f'liema data ġiet iċċertifikata bħala dangerous structure, u jqiegħed kopja ta' dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

26/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

BAĠIT 2026 – MIŻURA 135 – IKKUMMISSJONAR TAL-ISTUDJU

4432. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4076 u jgħid jekk ġiex ikkummissjonat l-istudju msemmi fil-Miżura 135 tal-Baġit 2026 dwar l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini li jinbena mis-sena 2030? Jekk iva, jista' jqiegħed dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra u jgħid lil min ingħata, permezz ta' liema proċess ta' akkwist, b'liema valur u meta huwa mistenni jitlesta? Jekk le għaliex u meta se jiġi kkummissjonat?

27/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istudji relatati mal-Miżura 135 tal-Baġit 2026 ġew ikkummissjonati permezz ta' sejħiet għall-offerti skont kif titlob il-proċedura. Dawn l-istudji huma mistennija jitlestew bejn it-tieni kwart tal-2027 u t-tieni kwart tal-2028.

Seduta Numru 31
03/11/2026

EXCESS MORTALITY U TEMPERATURE ATTRIBUTABLE MORTALITY

4445. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3184 u 3584 u jgħid jekk il-Gvern jikkalkulax l-excess mortality u t-temperature-attributable mortality waqt temperaturi estremi u heatwaves u, jekk iva, jispeċifika:
(a) is-snin u l-perjodu użati sabiex jiġi stabbilit il-baseline tal-imwiet mistennija;
(b) jekk il-baseline jiġix aġġustat għat-tkabbir u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ix-xejriet fit-tul u l-varjazzjoni staġjonali;
(c) liema kejl tat-temperatura jintuża u jekk jiġux ikkunsidrati l-umdità, it-temperaturi minimi ta' billejl, it-tul u l-intensità tal-heatwave;
(d) jekk jiġux ikkunsidrati l-effetti differiti tas-sħana fuq il-mortalità fil-jiem ta' wara;
(e) jekk l-analiżi tiġix aġġustata għal fatturi oħra, fosthom it-tniġġis tal-arja u l-prevalenza ta' mard infettiv; u
(f) liema definizzjoni operattiva ta' heatwave tintuża mill-awtoritajiet tas-saħħa f'Malta?
Jista' jidentifika d-dati tal-heatwaves jew tal-livelli ta' twissija tas-saħħa relatati mas-sħana bejn Ġunju u Settembru tas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026? Jekk il-Gvern ma jikkalkulax l-excess mortality jew it-temperature-attributable mortality, jista' jgħid għaliex dawn l-istimi ma jsirux u jekk hemmx il-ħsieb li tiġi stabbilita sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tal-mard u tal-mortalità attribwibbli għas-sħana?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li r-Reġistru Nazzjonali tal-Imwiet juża s-snin 2017–2019 bħala baseline, aġġustat għat-tkabbir u l-età tal-popolazzjoni u l-varjazzjonijiet staġjonali.
L-Uffiċċju Meteoroloġiku ta' Malta juża t-temperatura Celsius u jiddefinixxi mewġa ta' sħana bħala temperatura ta' aktar minn 30°C u mill-inqas 5°C ogħla min-normal. Id-dati tal-mewġiet ta' sħana bejn Ġunju u Settembru kienu:
• 2023: 16–25 ta' Lulju
• 2024: 20–22 ta' Ġunju
• 2025: 24–27 ta' Ġunju
• 2026: 24–27 ta' Ġunju u 16–22 ta' Lulju
L-effetti tas-sħana fuq il-mortalità fil-jiem ta' wara jiġu kkunsidrati, peress li studji juru li dawn ġeneralment jidhru fi ftit jiem. Lokalment ma jsirx aġġustament għal fatturi bħat-tniġġis tal-arja u l-mard infettiv.
Fl-2024 ġiet introdotta sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tas-saħħa u l-mortalità minn Mejju sa Settembru. Din tiġbor data dwar is-servizzi tal-kura primarja, l-emerġenza, l-ambulanzi, id-dħul fl-isptar, il-mortalità u t-temperaturi. Id-data, flimkien mat-tbassir tat-temp għal sebat ijiem, tintuża biex jiġu mmudellati l-imwiet u l-ammissjonijiet mistennija fl-isptar u fid-Dipartiment tal-Emerġenza.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI

4446. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3225 u 3851 u jgħid jekk il-Gvern għandux pjan biex jindirizza l-piż finanzjarju li jista' jaqa' fuq sid ta' vettura elettrika meta din il-vettura tkun trid tiġi skrappjata, partikolarment minħabba l-ispejjeż marbuta mat-trattament u r-rimi tal-batterija? Fid-dawl ta' rapporti ta' każijiet fejn konsumaturi ntalbu jħallsu spejjeż li allegatament laħqu l-€10,000, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jiġu kkonsidrati sabiex dawn l-ispejjeż ma jaqgħux fuq il-konsumatur?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

TRABI MWIELDA MINN ĠENITURI LI HUMA ĊITTADINI MALTIN

4447. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4036 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid kemm mill-2,375 tarbija li twieldu bejn Jannar u Ġunju 2026 huma Maltin, fejn kemm l-omm u l-missier huma ċittadini Maltin?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Infurmat li r-Reġistru Pubbliku huwa obbligat li jimxi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli minn 272 sa 292A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) meta jkun qed jitfassal l-Att tat-Twelid.
Skont dawn l-istess dispożizzjonijiet, ma hemm l-ebda obbligu legali li tinġabar informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-ġenituri jew tat-tarbija ġdida mwielda meta tiġi notifikata twelid tat-tarbija.

Seduta Numru 31
03/11/2026

TWELID TA' TRABI

4448. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4037 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid kemm mit-trabi li twieldu bejn Jannar u Ġunju 2026 kellhom:
i. ġenitur wieħed ta' ċittadinanza Maltija; u
ii. iż-żewġ ġenituri ta' ċittadinanza barranija?
Jista' jgħid ukoll mil-liema pajjiżi huma l-ġenituri?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4447.

Seduta Numru 31
03/11/2026

TRABI BARRANIN IMWIELDA MALTA

4449. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4038 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid liema kienu dawk il-pajjiżi barranin li l-ġenituri b'ċittadinanza ta'dak il-pajjiż kellhom l-akbar numru ta' trabi mwielda f'Malta bejn Jannar u Ġunju 2026?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4447.

Seduta Numru 31
03/11/2026

TRABI BARRANIN IMWIELDA MALTA

4450. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4038 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà u jgħid liema kienu dawk il-pajjiżi barranin li l-ġenituri b'ċittadinanza ta'dak il-pajjiż kellhom l-akbar numru ta' trabi mwielda f'Malta bejn Jannar u Ġunju 2026?

28/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għall-perjodu fil-mistoqsija għadu mhux disponibbli.

L-informazzjoni tas-sena 2026 tiġi kkompilata mill-NSO iktar tard matul is-sena d-dieħla.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IL-ĠŻIRA – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

4458. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3885 u jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika fil-Ġżira? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

28/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – SKOLA MEDIKA – STUDENTI

4494. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hu n-numru ta' studenti li bħalissa qed jistudjaw fl-iskola medika fi ħdan l-Università ta' Malta, maqsuma skont is-sena ta' studju li jinsabu fiha?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SISTEMA TAS-SAĦĦA – INFERMIERA

4495. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm infermiera li preżentement jaħdmu fl-isptarijiet u fil-Kura Primarja?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

GĦAWDEX – LANDING SITES TAS-SAJD – INTERVENTI INFRASTRUTTURALI

4522. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'interventi infrastrutturali saru biex jiġu mmodernizzati l-landing sites tas-sajd f'Għawdex minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment ikkonċernat għandu landing site waħda f'Għawdex li tinsab fl-Imġarr.

Ta' kull sena isir risk assessment ta' health and safety tal-faċilità liema rakkomandazzjonijiet jitwettqu matul is-sena.

Matul is-sena 2026, ġiet installata wkoll sistema ta' CCTVs madwar il-landing site tal-Imġarr filwaqt li ġiet allokata vettura elettrika lill-uffiċjali tal-kontroll ġewwa Għawdex li tkun stazzjonata maġenb l-istess landing site.

Seduta Numru 31
03/11/2026

POLITIKA NAZZJONALI GĦALL-IKEL SOSTENIBBLI

4523. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid xi progress sar fir-rigward tal-Politika Nazzjonali għall-Ikel Sostenibbli minn meta tħabbret fid-Diskors tal-Baġit tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

STRATEĠIJA NAZZJONALI TAL-CARBON FARMING

4524. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid xi progress sar fir-rigward tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Carbon Farming minn meta tħabbret fid-Diskors tal-Baġit tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) implimentat diversi miżuri mill-Istrategija Nazzjonali tal-Carbon Farming.

Fl-2023, l-ARPA nediet proġett pilota tal-agroforestrija, li permezz tiegħu ngħatat għajnuna finanzjarja lill-benefiċjarji bejn l-2023 u l-2025. Barra minn hekk, l-ARPA amministrat Skema ta' Agroforestrija ffinanzjata minn fondi nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat, li taħtha nħarġu żewġ sejħiet fl-2025 u fl-2026. Il-benefiċjarji tal-iskema bħalissa jinsabu fil-perjodu ta' manutenzjoni, li għandu jdum għal mill-inqas erba' snin mid-data tal-pagament finali.

L-ARPA tamministra wkoll l-Iskema għall-Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Ħamrija (Soil Management Plan – SMP), li permezz tagħha l-bdiewa huma mħeġġa jħejju u jimplimentaw pjanijiet speċifiċi għall-art tagħhom sabiex jindirizzaw l-erożjoni, il-kompattazzjoni u l-livelli baxxi ta' materja organika fil-ħamrija. Dawn il-pjanijiet jikkontribwixxu lejn il-konservazzjoni u ż-żieda tal-karbonju organiku fil-ħamrija u, għalhekk, lejn l-objettivi tal-Carbon Farming.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SISTEMA DIĠITALI KOMPRENSIVA GĦAS-SAJD U L-AKWAKULTURA

4525. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment sar fis-sistema diġitali komprensiva għas-sajd u l-akwakultura li tħabbret fid-Diskors tal-Baġit tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll min gawda minn dan l-investiment, kemm investa flus il-Gvern f'dan il-proġett u x'riżultati tanġibbli kellu l-Gvern minn dan l-investiment?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-miżura mħabbra fil-Baġit tal-2023 tirrigwarda l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Fisheries Information Integration System (FIIS).
Il-proġett għandu valur globali ta' madwar €4.7 miljun u huwa ffinanzjat permezz tal-European Maritime, Fisheries and Aquaculture Fund (EMFAF). Sabiex jiġi implimentat dan il-proġett, sar proċess ta' akkwist pubbliku.
Il-FIIS huwa maħsub sabiex jintegra disa' sistemi ewlenin tas-sajd fi pjattaforma waħda.
Minn dan l-investiment ser jibbenefikaw kemm id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura kif ukoll is-sajjieda, fost oħrajn permezz ta' proċessi aktar diġitali u tnaqqis fil-paperwork. Is-sistema hija mfassla wkoll sabiex tippermetti lis-sajjieda jużaw apparat bħal tablets u mobile phones għar-rappurtar u għall-aċċess għall-informazzjoni tagħhom.
Matul l-2026 sar xogħol fuq id-disinn u fl-arkitettura tas-sistema b'emfasi fuq il-Fishing Vessel Register, il-Vessel Monitoring System (VMS) u qed jiġu ttestjati wkoll GPRS ġodda fuq bastimenti tas-sajd lokali.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PRODOTTI LOKALI REĠISTRATI BĦALA PDO/PGI

4526. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati prodotti lokali ġodda bħala PDO/PGI taħt sistemi Ewropej ta' kwalità minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll jekk il-miri previsti, hekk kif imħabbra waqt id-Diskors tal-Baġit tal-2024, intlaħqux jew le? Jekk le, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għaliex dawn il-miri previsti ma ntlaħqux u x'ser jagħmel il-Gvern biex dawn il-miri jibdew jintlaħqu?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SETTUR AGRIKOLU – STRUMENT FINANZJARJU GĦALL-BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ

4527. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti l-Istrument Finanzjarju mħabbar mill-Gvern waqt id-Diskors tal-Baġit tal-2024 u baġits oħra sussegwenti biex bdiewa żgħażagħ ikunu jistgħu jixtru art agrikola, ħalli jkunu jistgħu jidħlu fis-settur agrikolu? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm bdiewa żgħażagħ li gawdew minn din l-inizjattiva, minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena, u kemm kien l-ammont finanzjarju li gawdew minnu bdiewa żgħażagħ grazzi għall-istess Strument Finanzjarju fl-istess perjodu?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – ŻMIEN TA' PROĊESSAR

4566. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2947 u jgħid x'kien iż-żmien medju li ħadet l-Aġenzija Identità biex tipproċessa u tiddeċiedi applikazzjonijiet għal permess ta' residenza matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kategorija tal-applikazzjoni? Jista' jgħid ukoll kemm ġew deċiżi applikazzjonijiet wara li skada ż-żmien statutorju stabbilit mil-liġi, u kemm applikazzjonijiet għadhom pendenti llum, lil hinn minn dak iż-żmien?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – RAĠUNIJIET GĦAD-DEWMIEN

4567. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2948 u jgħid għaliex l-Aġenzija Identità qed taqbeż iż-żmien statutorju stabbilit mil-liġi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu biex l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi fiż-żmien preskritt?

29/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: L-Aġenzija Identità tosserva t-termini previsti mil-liġi fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal Permess ta' Residenza. Madankollu, f'ċerti każijiet, minħabba l-kumplessità tal-eżami u l-verifiki meħtieġa, inkluż dawk li jinvolvu entitajiet oħra, jista' jkun meħtieġ aktar żmien biex l-applikazzjoni tiġi skrutinizzata b'mod adegwat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

BAĠIT 2027 – TRASFERIMENT TA' KONTRIBUZZJONIJIET BEJN IL-KONJUĠI

4594. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: B'referenza għall-Baġit tas-26 ta' Ottubru 2026, fejn ġie mħabbar li ser ikun jista' jsir trasferiment ta' kontribuzzjonijiet bejn il-konjuġi, jista' l-Ministru jagħti aktar dettalji dwar din il-miżura u minn meta ser tibda din il-miżura? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern huwiex ser jimponi massimu ta' kontribuzzjonijiet li jistgħu jiġu trasferiti?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-miżura mħabbra fil-Budget għas-sena 2027 tkompli tibni fuq miżuri oħrajn mħabbra f'Budgets preċedenti sabiex aktar persuni jiġu eliġibbli għal ħlas tal-Pensjoni Kontributorja. Fil-fatt, dawn il-miżuri flimkien mal-aħħar miżura, ser ikunu b'kollox ippermettew lil 7,000 persuna, kważi kollha nisa miżżewġin, li għall-ewwel darba jibdew jirċievu Pensjoni Kontributorja tal-Irtirar li mingħajr tali miżuri ma kien qatt ikollhom.

Il-parametri tal-miżura huma dawn:

· Trasferiment ta' kontribuzzjonijiet bejn konjuġi, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti reġistrati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet.
· Jistgħu jiġu ttrasferiti sa 260 kontribuzzjoni — ekwivalenti għal ħames snin.
· Il-kontribuzzjonijiet trasferiti jistgħu iwasslu għal pensjoni minima jew żieda fil-Bonus Annwali (DCB) imħallas lil min ma jikkwalifikax għall-pensjoni.

Min jista jibbenefika:

· Iż-żewġ membri tal-koppja jkunu laħqu l-età rispettiva tal-irtirar.
· Min jittrasferixxi jkun qed jirċievi Pensjoni Kontributorja tal-Irtirar, b'medja ta' mill-inqas 50 kontribuzzjoni fis-sena.
· Min jirċievi jkun qed jieħu d-DCB jew meta jagħlaq l-età tal-irtirar ikun intitolat biss għad-DCB, mingħajr dritt għal pensjoni abbażi tal-kontribuzzjonijiet tiegħu/tagħha stess.
· Min jirċievi għandu jkollu mill-inqas 50 kontribuzzjoni mħallsa (kważi sena).

Ir-rekwiżiti għal min jittrasferixxi:

· Jekk twieled qabel l-1962: ikollu aktar minn 1,820 kontribuzzjoni mħallsa u akkreditati — 35 sena.
· Jekk twieled fl-1962 jew wara: ikollu aktar minn 2,080 kontribuzzjoni mħallsa u akkreditati — 40 sena.
· Jista' jittrasferixxi biss il-kontribuzzjonijiet li jaqbżu l-limitu applikabbli, sa massimu ta' 260 (5 snin).

Minn meta ser tidħol fis-seħħ il-miżura:

· Il-miżura ser tidħol fis-seħħ mit-2 ta' Jannar 2027 'il quddiem u mhux ser ikun hemm il-ħtieġa ta' applikazzjoni. Kull min hu eliġibbli ser ikun qiegħed jiġi infurmat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali stess.

Seduta Numru 31
03/11/2026

BAĠIT 2027 – TRASFERIMENT TA' KONTRIBUZZJONIJIET BEJN IL-KONJUĠI

4595. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: B'referenza għall-Baġit tas-26 ta' Ottubru 2026, fejn ġie mħabbar li ser ikun jista' jsir trasferiment ta' kontribuzzjonijiet bejn il-konjuġi, jista' l-Ministru jgħid kemm huma n-nisa miżżewġa li ser jibbenefikaw minn din il-miżura? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx irġiel miżżewġa li ser ikunu qed jibbenefikaw minn din il-miżura, u jekk iva, kemm huwa n-numru tagħhom?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li bis-saħħa tal-miżura msemmija mħabbra fil-Budget għas-sena 2027, madwar 3,200 mara ser ikunu eliġibbli għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi maħduma fuq għaxar snin kontribuzzjonijiet, għall-ewwel darba. Raġel wieħed ser ikun eliġibbli taħt din il-miżura.

Barra minn hekk, madwar 3,800 mara u tlett (3) irġiel ser ikunu eliġibbli għal żieda fil-bonus li jitħallas darba fis-sena (DCB), bis-saħħa tal-miżura tat-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet bejn il-konjuġi.

Ninforma ukoll illi permezz tal-Budget 2027 il-bonus li jitħallas darba fis-sena (DCB) ser ikun qiegħed jiżdied ukoll permezz taż-żieda tal-Għoli tal-Ħajja.

Seduta Numru 31
03/11/2026

ŻIEDA FIL-PENSJONI

4596. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk iż-żieda ta' €3.59 fil-pensjoni li ser ikun qed jagħti l-Gvern hijiex ser tingħata mill-1 ta' Jannar, 2027? Jista' jgħid ukoll kemm huma l-pensjonanti li ser jieħdu din iż-żieda, maqsuma f'pensjonanti li jieħdu l pensjoni tal-irtirar, dik tal-invaliditá, dik tar-romol kif ukoll l-anzjani li jirċievu l-pensjoni tal-età?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li minn Jannar illi ġej, il-pensjonanti ser jaraw żieda ta' €10 fil-ġimgħa, inkluża l-COLA, mhux kif skorrettament qed tipprova timplika hi u l-Oppożizzjoni. Eventwalment, tul il-leġislatura l-pensjonanti ser jiżdiedu b'€50 fil-ġimgħa. Dan filwaqt li l-limitu tad-dħul minn pensjonijiet eżenti mit-taxxa se jiżdied b'€520, għal €37,624 fis-sena. Dan il-Gvern iwettaq dak li jwiegħed a kuntrarju tal-Oppożizzjoni.

Intant, d-diskussjoni fuq l-estimi finanzjarji marbuta mal-Ministeru se jiġu diskussi it-Tlieta 17 ta' Novembru 2026, hekk kif stipulat fil-Mozzjoni nru 70, Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali, diskussa fis-Seduta 25, nhar it-Tlieta, 20 Ottubru 2026.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PENSJONANTI TAS-SERVIZZ

4597. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti tas-servizz preżentement? Jista' jgħid ukoll kemm huwa n-numru ta' pensjonanti li għandhom dawn l-etajiet:
i. bejn 65 u 70 sena;
ii. bejn 71 u 75 sena;
iii. bejn 76 u 80 sena;
iv. bejn 81 u 85 sena;
v. bejn 86 u 90 sena;
vi. bejn 91 u 95 sena;
vii. bejn 96 u 100 sena; u
viii. minn 101 'il fuq?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' pensjonanti tas-servizz li ħallsu fl-aħħar t'Ottubru 2026 kien ta' 12,519.

In-numru ta' pensjonanti skont l-etajiet indikati huwa skont it-tabella t'hawn taħt:

Etajiet	Numru ta' pensjonanti
bejn 65 u 70 sena	1,283
bejn 71 u 75 sena	1,773
bejn 76 u 80 sena	2,960
bejn 81 u 85 sena	2,092
bejn 86 u 90 sena	1,363
bejn 91 u 95 sena	595
bejn 96 u 100 sena	109
minn 101 'il fuq	8

Irid jingħad li pensjonanti tas-servizz speċjalment dawk tal-forzi dixxiplinati jistgħu joħorġu bil-pensjoni qabel l-età proprja tal-irtirar. Fil-fatt hemm 2,336 pensjonant ieħor li għandhom anqas minn 65 sena.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PENSJONANTI TAS-SERVIZZ LI QED JIEĦDU L-PENSJONI SĦIĦA

4598. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti tas-servizz li bħalissa qed jieħdu l-pensjoni sħiħa?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PENSJONANTI TAS-SERVIZZ LI SER JIEĦDU L-PENSJONI SĦIĦA MINN JANNAR 2027

4599. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser ikunu l-pensjonanti tas-servizz li ser ikunu qed jieħdu l-pensjoni sħiħa minn Jannar 2027?

29/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PJAN TA' AZZJONI KONTRA Ż-ŻUNŻAN ORJENTALI

4614. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid taħt liema Vot u Item tal-Estimi Finanzjarji 2027 huwa ffinanzjat il-pjan ta' azzjoni ta' €1 miljun kontra ż-żunżan orjentali mħabbar fil-21 ta' Ottubru 2026? Jista' jgħid ukoll:
i. kif inhu maqsum dan l-ammont bejn il-miżuri differenti tal-pjan;
ii. min se jkun responsabbli biex jiżgura li dan il-pjan ta' azzjoni jitwettaq; u
iii. x'inhuma l-miri li se jintużaw biex jiġi stabbilit jekk il-programm irnexxiex u jekk il-problema taż-żunżan orjentali f'pajjiżna ġietx imrażżna?

29/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dettalji mħabbra mill-Gvern fi stqarrija PR 261766 li nħarġet mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel fil-21 ta' Ottubru 2026. Id-diskussjoni dwar l-estimi finanzjarji għall-2027 ta' dan il-ministeru se jiġu diskussi fis-seduta tat-Tnejn 7 ta' Diċembru 2026.

Il-pjan ta' azzjoni kontra l-bagħal taż-żunżan se jiġi ffinanzjat minn fondi nazzjonali allokati lill-Ministeru matul l-2026, fondi allokati għall-2027 u fondi tal-Unjoni Ewropea, fejn applikabbli.

Id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel huwa responsabbli mill-koordinazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-pjan, b'kollaborazzjoni mal-entitajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati.

Il-monitoraġġ tal-effettività tal-pjan se titwettaq permezz ta' ċensiment dwar il-popolazzjoni tan-naħal f'Malta. Din hija waħda mill-miżuri tal-pjan u tipprovdi informazzjoni fuq bażi annwali sabiex tiddetermina l-impatt ta' dawn l-istess miżuri. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-pjan se tiġi segwita fil-forum li se jitwaqqaf b'rabta ma' dan is-suġġett. Dan l-organu se jkun ifformat minn organizzazzjonijiet, esperti u partijiet oħra interessati u se jkollu l-opportunità li jirrakkomanda azzjonijiet sabiex il-miżuri jiġu addattati skont kif tiżviluppa s-sitwazzjoni.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MARSASKALA – IMPJANT GĦAT-TRATTAMENT TAL-ISKART TAL-ANNIMALI

4620. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid:
i. kemm daħlu trakkijiet li jġorru skart tal-annimali (demel) fl-impjant għat-trattament tal-iskart tal-annimali f'Marsaskala, fl-2025 u minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar;
ii. kemm kien il-volum totali (f'm^3 jew f'tunnellati) ta' skart tal-annimali (demel) li daħal f'kull wieħed minn dawn il-perjodi; u
iii. kemm hi l-kapaċità massima ta' kemm jista' jilqa' skart dan l-impjant kuljum?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l- impjant għat-trattament tas-srew f'Marsaskala, imħaddem mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), matul l-2025 ġew ikkonsenjati 251,986 metru kubu ta' srew, ekwivalenti għal madwar 16,799 vjaġġ, filwaqt li bejn Jannar u Settembru 2026 ġew ikkonsenjati 180,672 metru kubu, ekwivalenti għal madwar 12,045 vjaġġ.

L-għadd ta' vjaġġi huwa stmat abbażi ta' tagħbija medja ta' 15-il metru kubu għal kull vjaġġ, filwaqt li t-tqassim xahar b'xahar mhuwiex disponibbli.

Il-kapaċità ta l- impjant għat-trattament tas-srew f'Marsaskala hija ta' madwar 600 - 800 metru kubu kuljum.

Seduta Numru 31
03/11/2026

SUSSIDJI FUQ IL-FERTILIZZANTI

4621. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid:
i. x'kienet l-ispiża totali għall-Gvern tas-sussidji fuq il-fertilizzanti fl-2025;
ii. x'inhi l-ispiża stmata għall-2026; u
iii. kemm ġew allokati flus għal dawn is-sussidji fil-Baġit 2027?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali għall-Gvern għas-sussidji fuq il-fertilizzanti mħallsa fl-2025, b'rabta mal-iskema tal-2024, kienet tammonta għal ftit aktar minn €1.27 miljun.

Fir-rigward tas-snin 2026 u 2027, il-finanzjament ġej minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt "Agri-Reserve", bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti.

Seduta Numru 31
03/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – DĦUL MHUX INTAXXAT

W786. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu, preżentement, id-dħul mhux intaxxat għal persuni b'diżabilità li joqogħdu fi djar privati għall-persuni b'diżabilità?

30/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

INĊENTIVI GĦAL MIN JIMPJEGA PERSUNI B'DIŻABILITÀ

W789. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-inċentivi li qegħdin jingħataw lil min jimpjega persuni b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll meta daħlu fis-seħħ dawn l-inċentivi?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

INĊENTIVI GĦAL MIN JIMPJEGA PERSUNI B'DIŻABILITÀ

W790. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-inċentivi li qegħdin jingħataw lil min jimpjega persuni b'diżabilità? Jista' jgħid ukoll meta daħlu fis-seħħ dawn l-inċentivi?

30/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 1742.

Seduta Numru 31
03/11/2026

PROGRAMM INK

W792. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti l-programm INK għal persuni b'diżabilità? Jista' jgħid ukoll kemm ibbenefikaw persuni b'diżabilità minn dan il-programm, minn meta daħal fis-seħħ sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

30/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

POSTIJIET TAX-XOGĦOL – AĊĊESSIBBILTÀ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ – SPIŻA MASSIMA

W794. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-ispiża massima li jiffinanzja l-Gvern lil min jimpjega, sabiex il-postijiet tax-xogħol isiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità? Jista' jgħid ukoll kif jista' wieħed jibbenefika minn dan il-finanzjament?

30/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 31
03/11/2026

KULLEĠĠI – RESOURCE CENTRES

W796. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid f'liema kulleġġi hemm resource centre (għal persuni b'diżabilità)? Jista' jgħid ukoll kemm ilu jopera kull resource centre?

30/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li t-terminu resource centre m'għadhiex tintuża għaliex dawn qed jiġu kkunsidrati bħala skejjel li preżentement huma dawn li ġejjin:

San Miguel Primary School
Guardian Angel Secondary School
Hellen Keller School
Skola Dun Manwel Attard, Wardija
Skola Primarja Sannat

Seduta Numru 31
03/11/2026

KULLEĠĠI – RESOURCE CENTRES

W797. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid f'liema kulleġġi m'hemmx resource centre (għal persuni b'diżabilità)?

30/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari W796.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IS-SESSWALITÀ U S-SAĦĦA SESSWALI – PROGRAMMI EDUKATTIVI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ INTELLETTWALI

W810. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid xi programmi edukattivi għall-persuni b'diżabilità intellettwali rigward is-sesswalità tagħhom u s-saħħa sesswali qegħdin fis-seħħ? Jista' jgħid ukoll meta daħlu fis-seħħ dawn il-programmi?

30/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-programmi dwar relazzjonijiet u saħħa sesswali ilhom isiru mill-1992, meta daħal is-suġġett tal PSCD, li dak iż-żmien kien jismu PSE. Kull minn hu preżenti fil-klassi jieħu dan it-tagħlim.
Ta' min jgħid li flimkien mal-Aġenzija Sapport, waqt it-taħriġ tal-COPE li se jsir fit-30 ta' April 2027 li ser isir lil madwar 250 għalliem tal-PSCD, it-tema se tkun it-tagħlim dwar relazzjonijiet u sesswalità lil studenti bi bżonnijiet differenti li jinstabu fil-klassijiet mainstream, kemm primarji, medji u sekondarji.

Seduta Numru 31
03/11/2026

IS-SESSWALITÀ U S-SAĦĦA SESSWALI – TAGĦLIM LILL-ĠENITURI TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ INTELLETTWALI

W811. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'tagħlim qed jingħata lill-ġenituri ta' persuni b'diżabilità intellettwali rigward is-sesswalità u s-saħħa sesswali tal-persuni b'diżabilità? Jista' jgħid ukoll meta beda jingħata dan it-tagħlim?

30/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li bis-sehem ta' professjonisti u anke b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra ikunu organizzati programmi u tingħata gwida dwar aspetti differenti tas-sesswalità.

Seduta Numru 31
03/11/2026